

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Hadja LAHBIB****Preparatezza, Ġestjoni tal-Kriżijiet, Ugwaljanza****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Iddedikajt ħafna mill-ħajja professjonali tiegħi ndur id-dinja, b' mod partikolari l-pajjiżi f' sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' gwerra (l-Afganistan, il-Lvant Nofsani, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo), biex nifhem u ninforma ruħi billi nistaqsi l-mistoqsijiet it-tajba. Fl-2022, ingħatajt l-opportunità biex bħala l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Affarijiet Ewropej, ngħin biex jinstabu soluzzjonijiet u npoġġi l-esperjenza tiegħi fil-prattika għall-benefiċċju tal-Belġju.

Il-mandat tiegħi kien wieħed intens, ikkaratterizzat b' diversi kriżijiet u gwerer, bħall-gwerer fl-Ukrajna u fil-Lvant Nofsani, biex insemmu biss tnejn, u diżastri naturali maġġuri bħat-terremot fit-Turkija u fis-Sirja.

Bħala President tal-B-Fast - l-Unità Belġjana tal-Ewwel Għajnuna u Appoġġ imwaqqfa biex tipprovdi għajnuna ta' emerġenza f' każ ta' kriżijiet u diżastri barrani – ikkoordinajt, f' kollaborazzjoni mal-kollegi kkonċernati tiegħi fil-Gvern, l-ġhoti ta' għajnuna ta' emerġenza u l-iskjerar ta' esperti biex jiġu appoġġati l-popolazzjonijiet affettwati. Mexxejt ir-riforma tal-B-FAST sabiex tissaħħaħ l-istruttura tagħha u tkun lesta għall-isfidi futuri.

Dawn il-kriżijiet wasslu għal ħidma konsulari importanti, sabiex jiġu appoġġati ċ-ċittadini Belġjani u Ewropej tagħna, filwaqt li ħadna ħsieb lil dawk l-aktar vulnerabbli.

Dawn il-kriżijiet, kemm jekk klimatiċi, umanitarji jew tas-saħħa, huma mistennija li fis-snin li ġejjin jseħħu aktar spiss, kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha.

Jekk niġi fdata Kummissarju, se ngħin biex niproteġi lill-Ewropej billi nippreparahom aħjar biex jantiċipaw, jipprevjenu jew jirrispondu b' mod effettiv għall-kriżijiet, filwaqt li nippromwovi l-valuri tagħna fil-bqija tad-dinja billi nappoġġa lin-nies fil-bżonn, f' konformità mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u tad-dritt umanitarju internazzjonali.

Il-preparazzjoni tal-Unjoni Ewropea biex ningħaqdu flimkien u nindirizzaw id-diżastri naturali bħal dawk ikkawżati mill-bniedem, il-konflitti u l-kriżijiet, tfisser li nsaħħu l-valuri u l-prinċipji li jirfdu l-Unjoni tagħna. Dan jgħin biex tinbena dinja aktar inklużiva u ġusta, Unjoni li tipproteġi liċ-ċittadini tagħha u toffrilhom drittijiet u opportunitajiet ugwali.

Matul ħajti, iġġildit kontra l-preġudizzji u billi xi drabi kont jiena stess il-vittima, naf kemm-il darba d-diskriminazzjoni tista' tibqa' għaddejja u tkun insidjuża. Fil-fehma tiegħi, l-aħjar mod biex tiġi miġġielda l-inugwaljanza huwa li jiġi adottat approċċ trasversali biex jiġu indirizzati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u jiġu involuti s-setturi kollha.

Ħadd ma huwa konvint aktar minni li soċjetà ħielsa mid-diskriminazzjoni hija l-unika bażi li tippermetti lil kull persuna ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha, tgħix fil-libertà u tisfrutta l-potenzjal kollu tagħha, irrispettivament mill-oriġini u l-istatus tagħha. F'kull missjoni tiegħi madwar id-dinja, dejjem kont impenjata li naħdem mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex nippromwovi l-ugwaljanza u d-dritt li kull persuna tista' tkun min tassew hi.

Bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin, kburiya li stajt nappoġġa lin-nisa Afgani fit-tfittxija tagħhom għal-libertà, u li kont ta' għajjnuna biex jinxteħet dawl fuq id-drittijiet LGBTIQ f'pajjiżi fejn l-avvenimenti Pride għadhom ipprojbiti.

Dan l-impenn se jkompli matul il-mandat tiegħi bħala Kummissarju għall-Ugwaljanza. Se mmexxi l-ħidma, flimkien mal-kollegi kollha tiegħi fil-Kulleġġ, dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza u l-kunsiderazzjonijiet tal-ġeneru fil-politiki, il-leġiżlazzjoni u l-programmi ta' finanzjament tal-UE. Se mmexxi bl-eżempju u niżgura l-ugwaljanza u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet u l-preparatezza, biex insaħħaħ l-effettività u l-inklużività tar-reazzjonijiet għall-kriżijiet.

Fl-aħħar nett, matul il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wegħidt li se nimpenja ruħi li naħdem fi spirtu ta' fehim reċiproku mal-livelli kollha tal-gvern, u nqis ir-rispett għad-diversità bħala l-ixprun għall-Unjoni tagħna. Il-Belġju assumo bis-sħiħ ir-rwol ta' "Honest broker". Dan ippermettielna nagħlqu madwar sebgħin fajl leġiżlattivi f'kollaborazzjoni mal-atturi kollha involuti, inkluż il-Parlament Ewropew.

Ninsab konvinta li l-karriera u l-ħiliet tiegħi se jippermettuli nikkontribwixxi għall-interess ġenerali Ewropew u flimkien inkunu nistgħu nibnu Ewropa li tkun kapaċi tirrispondi għall-kriżijiet malajr u b'mod effettiv. Biex negħlbu l-ostakli u niġġieldu kontra l-inugwaljanzi li ċ-ċittadini sħabna għadhom jiffaċċjaw.

Matul il-karriera tiegħi, insistejt fuq l-involvement maż-żgħażaġh, minħabba li l-politiki li nfasslu llum u d-deċiżjonijiet li nieħdu se jkollhom impatt fuq il-futur tagħhom. Għalhekk, beħsiebni niprijoritizza d-djalogi maċ-ċittadini u mal-partijiet ikkonċernati, u ninvolvi ruħi b'mod attiv maż-żgħażaġh permezz tad-Djalogi annwali ta' Politika maż-Żgħażaġħ, li nistenna bil-ħerqa li norganizza l-ewwel wieħed fl-ewwel 100 jum tal-kariga tiegħi.

Nikkonferma l-impenn tiegħi li nirrispetta bis-sħiħ l-Artikoli 17.3 TUE, 245 u l-Artikolu 339 TFUE. Nimpenja ruħi li ninforma lill-President tal-Kummissjoni dwar kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tinvolvi kunflitt ta' interess fit-tweġġ tad-dmrijiet uffċjali tiegħi, u nwiegħed li mhux se naċċetta l-ebda gwida u struzzjoni minn kwalunkwe parti esterna.

Id-dikjarazzjoni tal-interessi tiegħi prevista mill-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji hija kompluta u aċċessibbli għall-pubbliku u se tiġi aġġornata kif rilevanti. F'dan ir-rigward, nimpenja ruħi wkoll li niltaqa' biss ma' dawk l-organizzazzjonijiet jew l-individwi li jaħdmu għal rashom li huma rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza, biex b'hekk nikkonforma mal-obbligi tat-trasparenza stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lesta li tiegħu fir-rigward tal-involvement u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri attwali, lesta tipprovi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Jekk niġi kkonfermata, bħala Kummissarju għall-Preparatezza u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, u għall-Ugwaljanza se nieħu r-responsabbiltà politika sħiħa għall-missjoni li ġiet fdata lili fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi u f'konformità mal-Linji Gwida Politiċi tal-President elett. Dan il-portafoll huwa wieħed li jirrifletti ħafna l-valuri personali tiegħi, u ninsab impenjata li nwettag dawn ir-responsabbiltajiet b'dedikazzjoni, li jinkludi wkoll l-involvement sħiħ magħkom/mal-Parlament b'mod trasparenti.

Inqis lill-Parlament Ewropew bħala sieħeb essenzjali u nara r-rwol tiegħi bħala parti minn djalogu kontinwu u trasparenti magħkom, il-Membri tal-Parlament Ewropew. Jekk niġi kkonfermata f'din il-pożizzjoni, se tkun prijorità tiegħi li nżomm lill-Parlament infurmat regolament dwar l-attivitajiet leġiżlattivi tiegħi u li ninvolvi ruħi

f'diskussjonijiet u li nirrispondi għal mistoqsijiet ta' segwitu dwar il-politiki li jaqgħu taħt il-mandat tiegħi. Nemmen li s-sorveljanza parlamentari hija kruċjali biex jiġu żgurati l-akkontabbiltà u l-leġittimità, u ninsab impenjata bis-sħiħ li nħares dan il-prinċipju.

F'konformità mal-Linji Gwida Politiċi tal-President elett, se nipparteċipa b'mod attiv fis-sessjonijiet plenarji u fil-laqgħat tal-kumitati, kif ukoll f'aktar kuntatti informali. Se niżgura fluss konsistenti ta' informazzjoni lill-presidenti tal-kumitati parlamentari rilevanti, filwaqt li nrawwem relazzjoni kollaborattiva biex niżgura skrutinju u kontribut effettivi. Il-kumitati parlamentari se jinżammu involuti mill-qrib f'kull żvilupp ewlieni fl-oqsma tar-responsabbiltà tiegħi. Se naħdem ukoll mill-qrib mal-Parlament Ewropew biex niżgura segwitu f'waqtu għar-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament skont l-Artikolu 225 TFUE.

Il-Kummissjoni li se tispiċċa diġà żviluppat haġna inizzjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi u jekk niġi kkonfermata, matul il-mandat tiegħi, nixtieq niffoka fuq l-implimentazzjoni tagħhom. Ninsab konvinta li l-Parlament jista' jagħti kontribut reali biex jiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji jgawdu l-benefiċċji tal-politiki u d-drittijiet tal-UE fil-prattika.

Fil-qasam tal-Preparatezza u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet, jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, ir-rwol tiegħi jkun jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li tirrispondi b'mod effettiv u f'waqtu għall-kriżijiet. Qed nippjana li niżviluppa approċċ li jkopri l-perikli kollha u min-naħa tas-soċjetà kollha, filwaqt li naħdem mal-Kumitati rilevanti u mal-MEPs individwali biex nilħqu l-għan ta' Unjoni tal-Preparatezza ta' vera.

Barra minn hekk, nagħti importanza kbira lill-prinċipju tat-teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi fil-Kulleġġ tal-Kummissarji u nemmen bis-sħiħ li nistgħu nampifikaw il-preżenza u l-influenza tal-UE fix-xena globali, mhux biss fil-ġestjoni tal-kriżijiet, fil-preparatezza u fir-rispons iżda wkoll fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u tal-prinċipji umanitarji madwar id-dinja b'enfasi qawwija fuq soċjetajiet fraġli f'konformità mal-portafoll tiegħi.

Il-kooperazzjoni interistituzzjonali hija kruċjali għall-funzjonament bla xkiel tas-sistema tal-UE, kif ukoll għall-effiċjenza u l-leġittimità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha. L-approċċ tiegħi se jkun ibbażat fuq il-prinċipji tal-aċċess miftuħ, il-fiduċja reċiproka, u l-iskambju regolari ta' informazzjoni, bħala l-pedament tal-ħidma tiegħi ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE biex tiġi żgurata sħubija effettiva għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej.

Nirrikonoxxi l-importanza kritika tat-trasparenza fil-proċess leġiżlattiv tal-UE u se naderixxi bis-sħiħ mal-istandards għoljin haġna tal-Kummissjoni għal-laqgħat mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess. Għalhekk, aħna se nippubblikaw informazzjoni b'mod regolari dwar dawn il-laqgħat u niżguraw li kemm il-Parlament kif ukoll iċ-ċittadini tagħna jinżammu infurmati kif xieraq.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Iżvilupp

3. Diskrepanza fil-Finanzjament Umanitarju

X'azzjonijiet speċifiċi se tiegħu biex tnaqqas id-diskrepanza dejjem akbar fil-finanzjament umanitarju, inkluż permezz tal-baġits annwali u pluriennali tal-UE u permezz ta' koordinazzjoni strateġika mal-Istati Membri, biex timplimenta l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju, b'mod partikolari fir-rigward tal-proposta ta' mudelli ta' finanzjament innovattivi għall-assistenza umanitarja u l-kisba ta' "responsabbiltà aktar ekwa fost id-donaturi", inklużi donaturi emerġenti u potenzjali kif ukoll sħab tal-istess fehma? B'mod konkret, kif biħsiebek "tiżviluppa approċċ aktar strateġiku għall-ktajjen tal-provvista umanitarji" u x'jinvolvi b'mod konkret li "tħeġġeġ approċċi konġunti u ffrankar tal-ispejjeż"? Meta jitqiesu l-prinċipji umanitarji, x'passi se tiegħu biex tiżgura li l-baġit umanitarju tal-UE jkun protett minn riallokazzjonijiet għal finijiet politiċi jew ekonomiċi? Se jkun hemm qafas għall-monitoraġġ tal-effettività tal-allokazzjonijiet ta' finanzjament umanitarju u obbligu ta' rendikont għall-kisba tal-eżiti maħsuba? X'se tagħmel biex iżżid il-perċentwal ta' assistenza umanitarja li tmur b'mod dirett kemm jista' jkun għand l-atturi lokali?

L-għadd ta' persuni fil-bżonn ikompli jikber. Sabiex nindirizzaw din l-isfida neħtieġu sforzi kollettivi f'livelli differenti, kif spjegat fil-Komunikazzjoni tal-2021 "l-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji", li tippromponi sensiela ta' azzjonijiet biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju, inkluż l-espansjoni tal-bażi tar-riżorsi, l-appoġġ għal ambjent favorevoli aħjar għas-sħab umanitarji, l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-kriżijiet, it-tnaqqis tal-ħtiġijiet umanitarji, u t-tisħiħ ta' twassil effettiv u effiċjenti tal-għajjnuna umanitarja f'approċċ ta' Tim Ewropa.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nserwi ta' promotur bla heda tal-kawża umanitarja tal-UE u ninsab ċerta li se nkun nista' noqgħod fuq l-appoġġ kontinwu tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill matul il-mandat kollu. Donatur ewlieni għandu jkollha bl-eżempju u ma jħalli lil ħadd jibqa' lura. Nassigurakom li se naħdem biex nuża r-riżorsi kollha disponibbli fil-kapaċità kollha tagħhom kull darba li kriżi umanitarja tkun teħtieġ dan. Se nsaħħaħ l-għodod ta' rispons umanitarju ta' emerġenza tal-UE biex niżgura li jkollna t-tip ta' assi, l-għarfien u l-kompetenzi t-tajba biex nkunu allinjati ma' realtajtiet ġodda,

Se nħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jirrispettaw il-mira volontarja li jiddedikaw 0.07 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (jiġifieri 10 % tal-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp) għall-għajjnuna umanitarja. Fost l-Istati Membri tal-UE, il-livell ta' kontribuzzjonijiet ivarja ħafna, u *de facto* jdgħajjef l-impatt umanitarju tal-Ewropa kif ukoll il-promozzjoni tagħha għal aktar kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi. Impenjata li nsegwi l-progress tal-Istati Membri f'dan ir-rigward u se jkollni diskussjonijiet regolari fil-livell politiku biex niżgura koordinazzjoni strateġika fil-livell tal-UE u dak globali (pereż. fil-Forum Umanitarju Ewropew).

Se nikkoopera magħkom ukoll dwar din il-kwistjoni ċentrali bħala l-fergħa parlamentari tal-awtorità baġitarja. Se norbot fuq l-l-isforzi konġunti ta' promozzjoni biex nikkonvinċi lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali biex jipprovdu finanzjament umanitarju kif xieraq.

Jeħtieġ li naħdmu favur bażi ta' donaturi internazzjonali usa'. Ninsab konvinta li din tista' tinkiseb permezz tas-sensibilizzazzjoni sostnuta u komuni tagħna b'mod partikolari mal-G20 u sħab internazzjonali oħra ta' sensibilizzazzjoni.

Lil hinn mid-donazzjonijiet pubbliċi, se naħdem biex ninvolvi s-settur privat b'mod aktar effettiv. L-intenzjoni tiegħi hija li mhux biss nesplora kif dawn jistgħu jikkomplementaw il-finanzjament umanitarju, iżda wkoll li nsaħħaħ ir-reputazzjoni tan-negozji tal-UE bħala promoturi tar-responsabbiltà soċjali korporattiva.

Minbarra l-finanzjament umanitarju, huwa daqstant importanti li ssir ħidma fuq it-tnaqqis tal-ħtiġijiet umanitarji (pereż. billi jiġi promoss rispettt aħjar għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali, billi tiżdied il-preparatezza għad-diżastri u l-miżuri ta' azzjoni antiċipatorja, u billi tissaħħaħ ir-reżiljenza ta' pajjiżi fraġli) u jiżdedu l-effiċjenza u l-effettività tal-għajjnuna li niprovdu.

F'dan ir-rigward, u f'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, se niżviluppa b'mod partikolari approċċ aktar strateġiku għall-katina tal-provvista umanitarja. Pereżempju, se nħeġġeġ lis-sħab umanitarji biex jakkwistaw provvisti ta' sokkors b'mod konġunt, irawmu l-preparatezza u l-ottimizzazzjoni tal-istokkijiet, jiġbru flimkien is-soluzzjonijiet tat-trasport, jaqsmu l-għarfien espert u jużaw għodod diġitali komuni. L-akkwist konġunt se jnaqqas il-prezzijiet għoljin ikkawżati mill-kompetizzjoni għal riżorsi limitati. Il-qsim tal-informazzjoni dwar ir-riżervi jiżgura li l-oġġetti t-tajba jkunu fil-post it-tajjeb għal kriżi speċifika. Il-ġbir flimkien ta' soluzzjonijiet tat-trasport inaqqas il-kostijiet tat-trasport u d-dewmien fit-twassil tal-oġġetti. Rispons aktar ekoloġiku jista' jinkludi l-użu ta' oġġetti riċiklati u sistemi xierqa ta' ġestjoni tal-iskart. Dawn huma xi eżempji ta' kif approċċ strateġiku għall-katina tal-provvista umanitarja u l-loġistika jista' jiffranka l-kostijiet u jżid il-benefiċjarji fil-mira u jiżgura ġestjoni baġitarja effiċjenti.

Barra minn hekk, filwaqt li nibni fuq il-ħidma li saret s'issa, se nkompli nsaħħaħ l-għodod ta' rispons umanitarju ta' emerġenza tal-UE biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi operazzjonali u jiġi ffaċilitat it-twassil rapidu tal-għajjnuna lill-persuni fil-bżonn.

Fuq kollox, jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se niżgura li l-finanzjament umanitarju tal-UE jkompli jiġi allokat f'konformità mal-prinċipji umanitarji u jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet, skont metodoloġija soda bbażata fuq l-evidenza. Baġit tal-UE modern u msaħħaħ, għandu jkun aktar immirat lejn fejn l-azzjoni tal-UE hija l-aktar meħtieġa, u jintuża b'mod flessibbli. Taħt it-tmexxija tiegħi, l-għajjnuna lin-nies fil-bżonn se tkun l-unika boxxla tal-għajjnuna umanitarja tal-UE. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni se jibqgħu kruċjali biex jiġu żgurati l-akkontabbiltà kif ukoll l-effiċjenza u l-effettività tal-interventi umanitarji tal-UE.

Li nagħrfu l-valur ta' finanzjament ta' kwalità biex niżguraw azzjoni umanitarja effiċjenti u effettiva, u baġit tal-UE aktar immirat u msaħħaħ, jgħinna nindirizzaw il-ħtiġijiet umanitarji u niżguraw kontinwità operazzjonali fi kriżijiet fit-tul.

Fl-aħħar nett, f'konformità mal-impenji tal-UE meħuda fil-qafas tal-Grand Bargain, se nkompli nappoġġa l-aġenda ta' lokalizzazzjoni. F'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab ta' implimentazzjoni tagħna (inkluż n-NU, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-NGOs) u f'konformità mal-qafas legali eżistenti, se nkompli naħdem biex

inżid is-sehem tal-finanzjament umanitarju tal-UE mgħoddi direttament kemm jista' jkun lill-organizzazzjonijiet lokali, pereżempju billi nappoġġa Fondi Miġbura Abbażi tal-Pajjiż. Se nappoġġa wkoll b'mod konsistenti l-bini tal-kapaċità tas-sħab lokali u nippromwovi l-inklużjoni u l-involviment tagħhom matul iċ-ċiklu umanitarju, mill-preparatezza għad-diżastri u l-azzjoni antiċipatorja, permezz tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, il-prijoritizzazzjoni u t-tfassil tal-istadju tar-rispons għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, kif rifless fil-"Gwida dwar sħubijiet ekwi ma' risponenti lokali f'ambjenti umanitarji" reċenti tal-Kummissjoni".

4. Ir-rabta bejn l-Aspett Umanitarju, l-Iżvilupp u l-Paċi

Kif se taħdem biex ittejjeb il-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-koerenza bejn l-azzjonijiet umanitarji, l-azzjonijiet għall-iżvilupp u dawk ta' konsolidazzjoni tal-paċi tal-UE, inkluż fost l-atturi kollha tal-UE, u biex tipparteċipa mal-komunitajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u partijiet ikkonċernati oħra fl-iżvilupp ta' strateġiji li jindirizzaw ir-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi? Fi ħdan "approċċ integrat fil-Kummissjoni kollha għall-fraġilità", u flimkien mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali u s-servizzi rilevanti kollha tal-Kummissjoni, se tiżviluppa gwida politika u mekkaniżmi konkreti biex tiżgura li l-isforzi għall-iżvilupp jgħinu kemm biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-fraġilità kif ukoll biex tinbena r-reżiljenza tal-komunitajiet, sabiex jinkisbu eżiti sostenibbli li ma jistgħux jinkisbu permezz tal-azzjoni umanitarja biss? Kif qed tippjana li tkejjel l-effettività ta' dawk l-isforzi? F'dak ir-rigward, timpenja ruħek li tagħti spinta lill-investimenti f'azzjoni antiċipatorja u li taħdem mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali biex tiżviluppa politika konġunta tal-UE dwar ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, b'enfasi partikolari fuq kuntesti fraġli u milquta mill-kunflitti?

Minħabba l-firxa tal-portafoll li ġie assenjat lilek u l-għadd dejjem jikber ta' kriżijiet umanitarji, kif biħsiebek tiżgura li tingħata biżżejjed attenzjoni lid-dimensjoni esterna tal-assistenza umanitarja u d-diplomazija umanitarja, u b'mod partikolari lill-kriżijiet minsija? X'miżuri se tieħu biex tippromwovi l-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali u r-rispett lejha?

L-isfidi, speċjalment fi kriżijiet fit-tul, huma kbar wisq biex l-atturi umanitarji jaġixxu waħedhom. Huwa kruċjali li nsalvaw il-ħajjiet, iżda l-UE trid tikkontribwixxi wkoll għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, l-indirizzar tat-tensjonijiet politiċi, il-bini mill-ġdid tal-koeżjoni soċjali, it-tnaqqis tar-riskji ambjentali, u t-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sigurtà.

Fil-kriżijiet kumplessi tal-lum, l-azzjonijiet ta' prevenzjoni, ta' sokkors u ta' rkupru ma jsegwux sekwenza lineari ċara iżda spiss ikunu meħtieġa b'mod parallel. Dan jirrikjedi li kulħadd jimpenja ruħu li jwieġeb għall-ħtiġijiet umanitarji, b'mod koerenti u kollaborattiv, jiġġenera biżżejjed finanzjament u jindirizza l-vulnerabbiltà, iżda jindirizza wkoll il-kawżi ewlenin tal-fraġilità u tal-kunflitti u jwitti t-triq għall-istabbiltà u għal soluzzjonijiet dejjiema.

Huwa essenzjali wkoll li ssir enfasi fuq il-bini tar-reżiljenza u l-prevenzjoni ta' kunflitti. Din iġġib magħha benefiċċji kbar għall-popolazzjonijiet billi jiġi llimitat l-impatt meta tfaqqa' kriżi, billi jiġu ffaċilitati l-isforzi għall-bini tal-paċi u t-tranżizzjoni għall-iżvilupp ta' wara l-kriżi. Sabiex jinkiseb dan, huwa kruċjali li jkun hemm approċċi konġunti għall-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-ħtiġijiet.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se naħdem favur approċċ integrat għall-fraġilità mal-Kummissjoni kollha, b'mod partikolari permezz ta' analiżi konġunta u strateġija ta' rispons. B'ħidma mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President u mal-Kummissarju responsabbli għas-Sħubijiet Internazzjonali, fost l-oħrajn, nistgħu niżguraw rispons rapidu għall-kriżijiet umanitarji, nikkontribwixxu għall-ġestjoni effettiva ta' sħubijiet internazzjonali, u nindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-fraġilità u l-kunflitti biex jitnaqqsu l-ħtiġijiet umanitarji. Din l-istrateġija se tiżgura l-konsistenza bejn it-tfassil tal-politika globali, l-involviment reġjonali, u risponsi speċifiċi għal kull pajjiż. Se nipromwovi rispons rapidu u effettiv tal-UE għall-kriżijiet billi nimmobilizza l-istrumenti kollha disponibbli u nallinja l-politiki kemm għall-ħtiġijiet immedjati u fuq terminu qasir kif ukoll għall-azzjonijiet fit-tul u billi niżgura l-koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE. Naturalment, jeħtieġ li niżguraw l-akkontabbiltà tal-azzjonijiet tagħna u nsewgu l-progress li wettaqna. Għalhekk, il-qafas ta' fraġilità għandu jinkludi wkoll mekkaniżmu ta' monitoraġġ, biex jiġi vvalutat regolarment l-impenn tagħna u jiġu proposti aġġustamenti, kif meħtieġ. Għal dan l-għan, beħsiebni ninvolvi ruħi b'mod attiv ma' kollegi f'servizzi u istituzzjonijiet oħra tal-UE (is-SEAE, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew).

Se naħdem biex nagħti spinta lill-investimenti fil-preparatezza għad-diżastri u fl-azzjoni antiċipatorja u se naħdem mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' adattament għat-tibdil fil-klima sabiex insaħħaħ ir-reżiljenza għall-klima b'enfasi partikolari fuq kuntesti fraġli u affettwati minn konflitti. Din se tinkludi li nsibu modi kif nikkooperaw aħjar biex inżidu l-investment kollettiv tagħna fil-preparatezza għad-diżastri u l-

azzjoni antiċipatorja b' mod koerenti u kkoordinat u nagħmlu l-investimenti tagħna reżiljenti għall-klima filwaqt li niffukaw fuq dawk li huma l-aktar vulnerabbli.

Se nkompili nappoġġa wkoll l-isforzi tan-NU lejn l-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi fil-livell tas-sistema biex ikun hemm impatt lil hinn mill-finanzjament tal-UE.

Nista' nassigurakom li l-firxa tal-portafoll li ġejt proposta tagħmilni kburija ħafna u hija wkoll opportunità biex niffoka fuq il-bini ta' sinerġiji bejn il-linji ta' ħidma differenti li huma kollha xprunati mill-ispirtu u l-valur tas-solidarjetà. L-assistenza umanitarja se tibqa' ta' prijorità ewlenija għalija tul il-mandat kollu tiegħi. Jekk xejn, minħabba li s-sitwazzjoni umanitarja globali mwieġhra tirrikjedi dan.

Mill-perspettiva tal-Kummissarju inkarigata mill-ġhajna umanitarja ma hemm xejn li huwa "kriżi minsija". F'dan ir-rigward, il-mira tiegħi hija li niddedika minimu ta' 15 % tal-baġit inizjali għall-ġhajna umanitarja għal kriżijiet li mhumiex fiċ-ċentru tal-attenzjoni internazzjonali. Jekk nittraskuraw il-ħtiġijiet immedjati f'dawn il-kriżijiet tiġi aggravata t-tbatija u tiġi mminata d-dinjità tal-bniedem. Billi nżomm dan l-impenn u nipprovvovih, nittama li l-eżempju tal-UE jiġi segwit minn aktar donaturi.

Id-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL, International Humanitarian Law) jibqa' aktar rilevanti minn qatt qabel, u huwa protezzjoni essenzjali għall-persuni ċivili affettwati minn kunflitti armati. Sfortunatament, f'dawn l-aħħar snin, il-ksur tal-IHL sar in-norma aktar milli l-eċċezzjoni, b'konsegwenzi kritiċi għaċ-ċivili u l-infrastrutturi ċivili, u l-imblukkar tal-ġhajna umanitarja milli tilħaq lin-nies fil-bżonn u l-għadd dejjem jikber ta' vittmi fost il-ħaddiema umanitarji. Huwa għalhekk li nemmen li jeħtieġ li nirduppjaw u ngaħqqdu l-isforzi tagħna biex nipprovvovu r-rispett għall-IHL. Dan huwa essenzjali wkoll biex tiġi ssalvagwardjata ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u biex jgħin fl-indirizzar tal-ħtiġijiet umanitarji li qed jiżdiedu.

Se naħdem biex tiżdied aktar l-importanza tal-IHL bħala prijorità politika, sabiex inkunu nistgħu nisfruttaw bis-siħ is-setgħa tal-UE, u nsaħħu d-diplomazija umanitarja tal-UE u l-approċċ ta' Tim Ewropa. F'dak ir-rigward, flimkien mar-RGħ/VP beħsiebni niżviluppa pjan biex l-interventi tagħna jkollhom impatt akbar, b'enfasi fuq l-IHL, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili f'kunflitti u l-aċċess umanitarju. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jtkellmu b'vuċi aktar b'saħħitha. Tistgħu sserħu raskom li se nitkellem bil-qawwa kontra l-ksur tal-IHL kull fejn iseħħ, iżda se nappoġġa wkoll miżuri li jipprovvovu l-prevenzjoni tal-ksur. Ninsab impenjata li nipprovvovi l-IHL, b' mod konġunt mal-Istati Membri tal-UE, permezz ta' missjonijiet diplomatiki u avvenimenti ta' livell għoli f'fora multilaterali u l-Forum Umanitarju Ewropew. Impenjata wkoll li nkompili naħdem mill-qrib mal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA) dwar il-prevenzjoni u l-promozzjoni tar-rispett għall-IHL. Matul il-mandat tiegħi, se nappoġġa miżuri li jsaħħu l-monitoraġġ tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u se nwettaq promozzjoni bbażata fuq l-evidenza.

L-involvement fid-diplomazija umanitarja mhuwiex kunċett ġdid għall-UE. Diġà ninsabu attivi ħafna fl-isforzi ta' promozzjoni u diplomazija biex niżguraw aċċess umanitarju għaż-żoni ta' kunflitt u nipprevjenu l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, bħall-użu tat-tbatija tal-ġuħ bħala arma tal-gwerra jew il-protezzjoni tal-ħaddiema umanitarji u fil-kura tas-saħħa mill-attakki. Madankollu, sfidi ġodda jitolbu approċċi aktar b'saħħithom u aktar miftiehma. Nixtieq nikseb approċċ aktar sistematiku u kkoordinat mill-atturi rilevanti kollha tal-UE. B'dan il-mod, nistenna bil-ħerqa li naħdem flimkien mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew biex niżgura approċċ qawwi minn Tim Ewropa dwar kwistjoni tant essenzjali għall-ħajja ta' tant nies.

5. In-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni

Kif se ssaħħaħ il-mekkaniżmi tal-UE ta' reazzjoni f'każ ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-ġuħ u l-malnutrizzjoni, kif ukoll l-impatt tat-tibdil fil-klima? B' mod aktar speċifiku, minħabba l-impatt devastanti tal-gwerra tar-Russja fl-Ukraina fuq l-esportazzjonijiet ta' ċereali Ukreni, kif biħsiebek tiżgura aktar dawk l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex jiġi evitat li jiggrava n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel fil-livell dinji? Lil hinn mir-reazzjonijiet immedjati f'każ ta' emerġenza, x'soluzzjonijiet fit-tul tipproponi biex jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni bħala parti minn politiki tal-iżvilupp usa' u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħna? B' mod partikolari, kif qed tippjana li taħdem mas-SEAE u mal-Istati Membri biex iżżid l-isforzi tal-UE għall-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ġuħ ikkawżat mill-kunflitti u għat-tisħiħ tal-obbligu ta' rendikont f'sitwazzjonijiet fejn il-ġuħ jintuża bħala arma tal-gwerra?

L-UE hija waħda mid-donaturi umanitarji ewlenin, u l-assistenza għall-ikel u l-appoġġ nutrattiv huma l-ewwel tip ta' hteġa indirizzata permezz tal-assistenza umanitarja tal-UE. Matul dawn l-aħħar sentejn biss, l-UE allokata aktar minn EUR 1.7 biljun għall-assistenza umanitarja tal-ikel u n-nutrizzjoni, b'enfasi fuq il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, b'mod partikolari fl-Afrika sub-Saħarjana.

Iżda l-ħtiġijiet jkomplu jżiedu: l-insigurtà tal-ikel żdiedet b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar snin u tinsab f'livelli rekord, xprunata mill-kunflitt u l-insigurtà, l-impatt aggravanti tat-tibdil fil-klima u r-reċessjoni ekonomika, l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, f'kuntest ta' faqar u inugwaljanza sfrenati. Għalhekk, iż-żamma ta' livelli adegwati ta' assistenza għall-ikel u n-nutrizzjoni x'aktarx li tibqa' fundamentali fis-snin li ġejjin, u jien impenjata li niżgura li l-UE twettaq dan. Madankollu, il-finanzjament waħdu mhuwiex biżżejjed. Konvinta li rridu nippovdu appoġġ għall-ikel u n-nutrizzjoni b'mod aktar effiċjenti billi ntejbu l-immirar u nżidu l-użu tal-assistenza bbażata fuq il-flus - peress li din hija aktar dinjituża, irħas u tikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-ekonomiji lokali. Għandna wkoll nisfruttaw l-għodod diġitali u nippromwovu azzjoni antiċipatorja.

Naturalment, l-għajnuna umanitarja waħedha ma tistax issolvi l-problema tal-ġuħ. Irridu nadottaw approċċ trasformativ li jintegra l-azzjoni għall-paċi, il-prevenzjoni u l-iżvilupp flimkien ma' sforzi ta' emerġenza fuq skala kbira biex inkissru ċ-ċiklu tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni. Se nżid l-isforzi biex insaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-atturi umanitarji, tal-iżvilupp u tal-bini tal-paċi kif ukoll mar-RGħ/VP u l-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali biex nindirizza kemm il-kawżi ewlenin kif ukoll il-konsegwenzi tal-kriżijiet tal-ikel. L-assistenza għall-ikel trid tingħaqad ma' investimenti fuq terminu itwal fil-produzzjoni agrikola u tal-ikel sostenibbli, f'sistemi ta' twissija bikrija biex jittaffa l-effett tal-klima fuq il-produzzjoni tal-ikel, kif ukoll ma' sforzi diplomatiċi b'saħħithom biex jiġu solvuti l-kunflitti, wieħed mill-ixpruni ewlenin tal-insigurtà tal-ikel.

F'dak il-kuntest, fil-livell tal-UE u kif deskritt fl-ittra ta' missjoni tiegħi, se nikkollabora ma' membri oħra tal-Kulleġġ dwar approċċ komprensiv għall-fraġilità [ara wkoll taħt il-mistoqsija 4] biex niżgura investiment adegwat fil-ħolqien ta' sistemi tal-ikel reżiljenti għall-klima u se nkompli ninsisti b'mod aktar wiesa', inkluż mal-Istati Membri sabiex niżgura li dan jibqa' prijorità fl-assistenza għall-ikel kollha tagħna tal-UE. Se nimpenna ruħi wkoll li nsaħħaħ l-operazzjonalizzazzjoni tal-istrateġija ta' rispons ta' Tim Ewropa tal-2022 għall-insigurtà globali tal-ikel, filwaqt li naħdem lejn eżiti komuni għall-atturi umanitarji u tal-iżvilupp kemm mis-servizzi tal-UE kif ukoll mill-Istati Membri.

Lil hinn mill-UE, se niżgura l-impenn kontinwu tagħna fi pjattaformi u inizjattivi globali tas-sigurtà tal-ikel bħan-Network Globali dwar il-Kriżijiet tal-Ikel, għall-konformità tal-IHL u għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 2417 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li tikkundanna t-tbatija tal-ġuħ bħala arma tal-gwerra. Se nkompli nqajjem kuxjenza pubblika u ninsisti fuq l-akkontabbiltà f'sitwazzjonijiet fejn it-tbatija tal-ġuħ tintuża bħala arma tal-gwerra u għar-rispett għall-IHL. Dan l-isforz ta' promozzjoni se jinkludi wkoll il-ħidma mar-RGħ/VP u mal-Istati Membri biex jiġi żgurat li nkunu għamilna l-almu kollu tagħna fir-rigward tal-iżgurar tal-konformità dwar din il-kwistjoni u se jiffirma wkoll parti mill-approċċ tiegħi għad-diplomazija umanitarja [ara wkoll taħt il-mistoqsija 4].

Neħtieġu aċċess umanitarju, u jeħtieġ li niżguraw li s-sigurtà tal-ikel tibqa' prijorità. L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja aggravat b'mod sinifikanti l-kriżi globali tas-sigurtà tal-ikel billi għolliet il-prezzijiet u fixklet is-swieq. Mill-2022, il-Korsiji ta' Solidarjetà tal-UE u l-kuritur tal-Baħar l-Iswed tal-Ukrajna tal-2023 kienu kruċjali biex l-esportazzjonijiet tal-ikel mill-Ukrajna jibqgħu għaddejjin u jiġu stabbilizzati l-prezzijiet globali. L-UE għandha tibqa' impenjata għal dawn l-isforzi. Fl-istess ħin, irridu niżguraw li l-ikel jasal għand dawk li l-aktar għandhom bżonnu, irrispettivament mis-sors tiegħu. Sabiex nikseb dan, se nkompli nippromwovi assistenza għall-ikel effiċjenti, billi nuża l-aħjar approċċi għal kull sitwazzjoni.

Sabiex nindirizza dawn l-isfidi u niżgura li l-assistenza umanitarja tal-ikel u tan-nutrizzjoni tal-UE tissodisfa l-ħtiġijiet, qed nippjana li nagħorna l-linji gwida tal-politika umanitarja tal-UE dwar l-assistenza għall-ikel fl-ewwel xhur tal-mandat tiegħi.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

6. Kif qed tippjana li tiżgura biżżejjed riżorsi fi ħdan il-QFP attwali u li jmiss biex ittejjeb il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-preparatazza għalihom? Kif se tiżgura aċċess ekwu għar-riżorsi finanzjarji meħtieġa għar-reġjuni u l-komunitajiet li ta' sikwit iħabbtu wiċċhom ma' diżastri naturali bħal niriens fis-selvaġġ u nixfiet? Liema miżuri

konkrete se tippromponi biex issaħħaħ il-preparatezza għall-kriżijiet, speċifikament l-iżvilupp ulterjuri tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) u RescEU? X'inhil l-iskeda ta' żmien konkreta għal dawn il-miżuri, fosthom ir-reviżjoni tal-UCPM? Tippredvi t-twaqqif ta' ġabriet aktar permanenti ta' riżorsi għar-reazzjoni għal tipi differenti ta' diżastri, simili għall-flotta ta' salvataġġ permanenti għan-nirien fil-foresti? Tista' tkellimna f'aktar dettall dwar in-natura tal-Mekkaniżmu Ewropew għad-Difiża Ċivili u l-interazzjoni tiegħu mal-UCPM? Kif se tħeġġeġ il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri sabiex tittejjeb il-preparatezza għar-riskji u l-emerġenzi tas-sigurtà u tas-saħħa?

Biż-żieda fil-kundizzjonijiet estremi tat-temp u n-natura dejjem tinbidel tat-theddid għas-sigurtà fl-UE, huwa kruċjali li l-UE tiżviluppa approċċ aktar komprensiv u integrat għall-ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se mmexxi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija ambizzjuża tal-UE għal unjoni tal-preparatezza, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissarji sħabi, filwaqt li nibni fost l-oħrajn fuq ir-rapport speċjali dwar il-preparatezza ċivili u tad-difiża mill-eks President Finlandiż Niinistö. Beħsiebni nippreżenta l-Istrateġija kmieni fil-mandat li jmiss.

L-istrateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza tista' ssegwi definizzjoni wiesgħa ta' "preparatezza" li tinkludi wkoll il-kunċetti tat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, u b'hekk tipprovdi approċċ strateġiku u transsettorjali globali għall-ġestjoni tad-diżastri u tal-kriżijiet għas-snin li ġejjin. Din l-Istrateġija jista' jkollha bħala għan: (1) approċċ li jkopri l-perikli kollha: bidla minn mod reattiv għal mod aktar proattiv ta' ġestjoni tal-kriżijiet fil-livell tal-UE; (2) approċċ governattiv sħiħ: approċċ aktar komprensiv u integrat għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Ewropa fis-setturi u fil-livelli kollha ta' governanza, u (3) approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha: żvilupp usa' ta' kultura ta' preparatezza u reżiljenza fl-Ewropa.

Il-mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM, Union Civil Protection Mechanism), iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC, Emergency Response Coordination Centre) tiegħu kif ukoll il-kapaċitajiet tiegħu RescEU se jirrappreżentaw elementi importanti ta' din l-istrateġija komprensiva tal-UE għal unjoni tal-preparatezza peress li huma strumenti stabbiliti sew, affidabbli u funzjonali ħafna għas-servizz tal-Istati Membri għall-prevenzjoni, it-tfejji u r-rispons għal diżastri u emerġenzi.

Huwa għalhekk li, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza, qed nippjana li neżamina l-ħtieġa possibbli li nipproponi reviżjoni tal-UCPM u tal-komponenti tal-ERCC u tar-RescEU tiegħu.

L-ERCC wera li kien partikolarment ta' suċċess fil-koordinazzjoni tal-għoti ta' assistenza b'rispons simultanju għal kriżijiet twal, kumplessi u transsettorjali (pereż. il-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kunflitt fil-Lvant Nofsani), u għal kriżijiet ikkawżati mit-tibdil fil-klima (nirien fis-selvaġġ, għargħar jew maltempati). Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se naħdem aktar biex insaħħaħ l-ERCC f'dan ir-rwol bħala iċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet tal-UE u nsaħħaħ il-kapaċitajiet tiegħu li jantiċipa, iħejji għall-kriżijiet u jirreaġixxi għalihom. Din se tkun kwistjoni ta' prijorità f'termini ta' żmien.

RescEU, l-ewwel riżerva strateġika Ewropea tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili, hija komponent ewlieni tal-UCPM u turi s-solidarjetà tal-UE fil-prattika. Huwa kruċjali li tinżamm din ir-riżerva strateġika u tissaħħaħ aktar, fejn meħtieġ. Fl-istess ħin, għandna nżommu sistema b'saħħitha ta' assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri li issa tinkludi r-"Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili" volontarja, l-appoġġ għall-għarfien espert bejn il-pari u għodod oħra għall-bini tal-kapaċità.

Iż-żamma u r-riforniment tal-kapaċitajiet eżistenti tar-rescEU huma l-prijorità tiegħi. Barra minn hekk, minħabba r-riskji klimatiki u ta' sigurtà li qed jikbru malajr, se naħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex inkompli nespandi l-kapaċitajiet tar-rescEU, pereżempju fl-oqsma tat-tifi tan-nar fil-foresti, it-tagħmir tal-enerġija, il-kontromiżuri mediċi kif ukoll il-kapaċitajiet għall-evakwazzjoni medika u l-postijiet ta' kenn. Bl-istess mod se jkollna bżonn inħarsu lejn l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ġodda għal theddid emerġenti fil-livell tal-UE. Dan jista' jtejjeb il-preparatezza tal-UE biex tiffaċċja firxa usa' ta' xenarji ta' diżastri, inklużi fallimenti tal-infrastruttura, sitwazzjonijiet ta' kunflitt, u theddid ibridu. Se nħares lejn din il-kwistjoni b'mod aktar konkret fil-ħidma fuq l-istrateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza.

Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' Mekkaniżmu Ewropew għad-Difiża Ċivili se jkun dimensjoni ewlenija tal-istrateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza. Inqis din l-inizjattiva bħala opportunità biex tonqos id-diskrepanza eżistenti importanti fir-rigward tal-involvement taċ-ċittadini u tal-komunità fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom stess kif ukoll il-parteċipazzjoni attiva fir-rigward tal-kooperazzjoni ċivili-militari. Iċ-ċittadini tagħna, l-

organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-settur privat huma sħab ewlenin fit-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà tagħna. Id-diskussjoni dwar kunċett modern ta' difiża ċivili diġà bdiet tissawwar f'diversi Stati Membri. Irrid nibni fuq dawn ir-riflessjonijiet, flimkien mal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, biex niżviluppa aktar ir-reżiljenza tas-soċjetà madwar l-Unjoni.

Sabiex nibnu fuq strutturi eżistenti, li wrew li kienu ta' suċċess, kif ukoll biex tiġi evitata aktar frammentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-kriżijiet, l-iżvilupp ta' Mekkaniżmu għad-Difiża Ċivili se jkun marbut mill-qrib u komplementari għall-istrutturi eżistenti, bħall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza.

Speċifikament dwar is-sigurtà tas-saħħa, se naħdem taħt il-gwida tal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza u f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Annimali biex insaħħaħ l-istat ta' preparatezza b'rabta mas-saħħa u l-kapaċità ta' rispons fl-UE, b'mod partikolari permezz ta' strateġija ġdida li tappoġġa d-disponibbiltà ta' kontromiżuri mediċi kontra t-theddid għas-saħħa pubblika, u strateġija usa' ta' kumulazzjoni ta' riżerva tal-UE. Se nkomplu wkoll niffaċilitaw il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u nappoġġawhom biex niżguraw livell għoli ta' preparatezza fil-livell nazzjonali. Il-pjan tal-Unjoni għall-kriżijiet tas-saħħa u l-pandemija (il-“pjan ta' prevenzjoni, ta' preparatezza u ta' rispons tal-Unjoni”), huwa previst li jiġi adottat fl-ewwel xhur tal-Kummissjoni l-ġdida, se jiżgura l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-prevenzjoni, il-preparatezza u, b'mod importanti, matul ir-rispons għal theddid transfruntier serju għas-saħħa. Dan se jiġi diskuss mal-Istati Membri kull sena u jkun aġġornat b'mod regolari biex jitqies ix-xenarju ta' theddid li dejjem jinbidel.

Il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa sseħħ permezz tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, li huwa, u se jibqa', element ċentrali tal-qafas tagħna ta' preparatezza u rispons għas-saħħa. Se nappoġġa l-isforzi biex inkompli nsaħħaħ l-għodod ta' preparatezza għall-kriżijiet u dawn se jiġu ttestjati b'mod regolari. Dawn l-għodod jinkludu s-sistema ta' twissija bikrija u ta' rispons tal-UE (EWRS, early warning and response system) li tiżgura twissija, ta' 24 siegħa / 7 ijiem fil-ġimgħa, f'każ li jitfaċċa jew jiżviluppa theddid transfruntier serju għas-saħħa, jinkludu l-laboratorji ta' referenza tal-UE għas-saħħa pubblika li jistgħu jipprovdu appoġġ għad-detezzjoni rapida ta' theddid bijoloġiku u t-Task Force tal-UE għas-Saħħa.

It-tfassil tal-qafas finanzjarju pluriennali futur u l-istrumenti tiegħu jinsab quddiemna. Dak li rrid niżgura huwa li nkomplu nibnu approċċ aktar robust għall-ġestjoni tal-kriżijiet u l-preparatezza ċivili Ewropej, b'bidla minn reazzjoni għal prontezza proattiva.

7. L-ittra ta' missjoni tiegħek tistabbilixxi għadd ta' ambizzjonijiet għat-ikabbir tal-kapaċità ta' ġestjoni tal-kriżijiet. B'referenza speċifika għall-preparatezza fil-qasam tas-saħħa, kif tipprevedi li tegħleb l-isfidi ta' finanzjament fir-rigward tat-tnaqqis reċenti fil-baġit ta' programmi oħra bħal pereżempju l-Programm EU4Health u Orizzont Ewropa, u l-isfidi li joħlqu prijoritajiet politiċi li jikkompetu ma' xulxin, li diġà laqtu l-azzjonijiet u l-proġetti li għandhom jitwettqu mid-DĠ HERA? Fid-dawl ta' dan, kif biħsiebek issaħħaħ il-preparatezza fil-qasam tas-saħħa u kif tipprevedi l-finanzjament ġejjieni ta' azzjonijiet ta' dan it-tip? Tipprevedi kapaċità estiża tal-HERA, u jekk iva, kif? Tista' tkellimna dwar l-iżvilupp tal-istrateġija usa' tal-UE ta' kumulazzjoni ta' riżerva? Kif se tiżgura li l-istrateġiji previsti ta' preparatezza u ta' kumulazzjoni ta' riżerva jsibu l-bilanċ bejn li jkun hemm biżżejjed riżervi u li ma jinħolqux nuqqasijiet fl-Istati Membri u f'pajjiżi oħra, inkluż in-Nofsinar Globali?

Wara l-pandemija tal-COVID-19, l-UE appoġġat lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-preparatezza tagħhom għas-sigurtà tas-saħħa u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa. Dan ifisser li l-indirizzar ta' din l-isfida kien jeħtieġ koordinazzjoni u appoġġ finanzjarju mingħajr preċedent.

Fil-livell tal-UE, l-akbar u l-aktar programm finanzjarju ambizzjuż tal-UE li qatt sar iddedikat purament għas-saħħa, EU4Health, ġie stabbilit bħala l-pedament tal-momentum imġedded tas-sigurtà tas-saħħa u l-politika ta' preparatezza u tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa. Porzjon sinifikanti tal-baġit tiegħu ġie ddedikat għall-protezzjoni tan-nies minn theddid transfruntier serju għas-saħħa u għat-trawwim ta' stat ta' preparatezza b'rabta mas-saħħa, b'mod partikolari biex jittejbu s-sistemi ta' sorveljanza nazzjonali (madwar EUR 85 miljun) u biex tiġi indirizzata r-reżistenza antimikrobika (EUR 50 miljun). L-investment f'azzjonijiet ta' stat ta' preparatezza b'rabta mas-saħħa u r-reżiljenza ġenerali tas-sistemi tas-saħħa għandhom jitqiesu bħala investment u mhux bħala kost kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. Barra minn hekk, il-finanzjament tal-EU4Health ġie mmobilizzat

biex jitwiegħbu malajr kwistjonijiet emerġenti oħra, inklużi sfidi globali tas-saħħa bħall-mpox u biex titjieb il-kura tas-saħħa għar-refuġjati u l-persuni spostati Ukreni.

Fir-rigward tal-finanzjament, filwaqt li nħaddem il-parametri tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali, se nisfrutta mija fil-mija kull euro disponibbli.

Fir-rigward tal-preparatezza u r-rispons għall-kriżijiet, ir-responsabbiltà tal-HERA hija li ssaħħa l-istat ta' preparatezza b'rabta mas-saħħa u r-rispons fl-UE, fost l-oħrajn billi tikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-kontromiżuri mediċi jkunu disponibbli meta jkunu meħtieġa. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mal-Membri rilevanti l-oħra kollha tal-Kulleġġ biex niżviluppa strateġija ambizzjuża biex nappoġġa l-aċċess u d-disponibbiltà għal kontromiżuri mediċi mid-detezzjoni bikrija ta' theddid għall-iżvilupp ta' kontromiżuri mediċi ġodda, il-produzzjoni tagħhom fuq skala kbira u l-iskjerament rapidu tagħhom madwar l-Ewropa u lil hinn minnha.

Inqis din l-Istrateġija tal-Kontromiżuri Mediċi l-ġdida bħala opportunità biex jiġi offrut approċċ "minn tarf sa tarf", mill-valutazzjoni tat-theddid għall-appoġġ tar-riċerka, iż-żieda fil-produzzjoni fi żminijiet ta' kriżi, u l-kumulazzjoni ta' riżerva. Bħala parti mill-ħidma biex nippreparaw għal theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN, chemical, biological, radiological and nuclear) u abbażi ta' strateġija usa' ta' kumulazzjoni ta' riżerva, dan jisfrutta għodod bħall-akkwist konġunt. Barra minn hekk, se nuża wkoll l-għarfien espert tal-HERA għall-preparatezza tal-istrateġija futura tal-UE għal unjoni tal-preparatezza, f'komplementarjetà sħiħa mal-portafoll ta' Kummissarji oħra. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-ħidma preparatorja tal-HERA għal Att dwar il-Mediċini Kritiċi biex jiġi evitat n-nuqqas ta' mediċini kritiċi, se tkun rilevanti ħafna wkoll biex jiġu evitati kriżijiet tas-saħħa bħala riżultat ta' nuqqasijiet kritiċi bħal dawn. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mill-qrib ħafna mal-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Animali dwar dawn l-aspetti.

Waħda mit-tagħlimiet ewlenin mill-pandemija tal-COVID-19 hija l-importanza li jiġu skjerati malajr provvisti mediċi essenzjali fi żminijiet ta' kriżi. Ħadd mhu sikur qabel ma kulħadd ikun sikur. Din kienet ir-raġuni biex tinħoloq l-ewwel riżerva ta' tagħmir mediku kritiku għall-UE kollha permezz tar-riżerva tar-rescEU fl-2020. Minn dak iż-żmien l-hawn għandna ħafna aktar riżervi oħra tar-rescEU. Huwa ta' importanza kbira li l-UE u l-Istati Membri jkomplu jinvestu fl-iżgurar tal-kontromiżuri mediċi xierqa fil-kwantitajiet it-tajba. Madankollu, jeħtieġ li nirrazzjonalizzaw il-finanzjament tagħna fi prijoritajiet strateġiċi mmirati tajjeb.

Jekk niġi kkonfermata, beħsiebni naħdem mill-qrib ma' Kummissarji oħra biex niżviluppa strateġija wiesgħa ta' kumulazzjoni ta' riżerva tal-UE. Din l-istrateġija se tkompli ssaħħa il-kapaċità ta' kumulazzjoni ta' riżerva tagħna fil-livell tal-UE u tappoġġa l-kumulazzjoni ta' riżerva fil-livell nazzjonali, filwaqt li żżid l-ippjanar, it-fassil u l-implimentazzjoni tar-riżervi, biex tippermetti skjerament rapidu ta' kontromiżuri mediċi f'każ ta' emerġenzi tas-saħħa pubblika. Se nipromwovi koordinazzjoni bir-reqqa u mill-qrib mal-Istati Membri biex jiġu evitati soluzzjonijiet mhux koordinati dwar inventarji strateġiċi, li joħloqu żbilanċi u jżidu r-riskju ta' nuqqasijiet fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi. Ninsab impenjata li nsahħa il-mekkaniżmu tagħna ta' ġestjoni u rispons għall-kriżijiet biex inkompli l-bidla minn reazzjoni għal prontezza proattiva.

Biex insaħħu s-sigurtà tas-saħħa tal-UE, għandna nsaħħu wkoll ir-rabtiet tagħna mas-sħab globali tagħna biex insaħħu s-sigurtà tas-saħħa globali, bl-użu tal-approċċ ta' Tim Ewropa tal-UE, ittestjat matul il-COVID-19 u aktar reċentement matul il-kriżi tal-mpox. Għalhekk se nkompli nagħti l-kontribut tiegħi, filwaqt li naħdem flimkien mal-Kummissarji sħabi, biex insahħa l-arkitettura globali tal-preparatezza u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa, imfassla wkoll fil-kuntest tad-WHO permezz tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa u l-Ftehim ippjanat dwar il-Pandemija.

8. Liema miżuri speċifiċi se tiegħu biex tiżgura li l-miżuri ta' prevenzjoni tad-diżastri jiġu integrati f'oqsma oħra ta' politika tal-UE? Minħabba l-frekwenza ta' avvenimenti ta' temp estrem minħabba t-tibdil fil-klima, x'possibiltajiet tara għal sinerġiji bejn il-UCPM u l-Pjan ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima futur? Liema miżuri konkreti tippredvi li twettaq mal-Istati Membri li qed iħabbtu wiċċhom ma' nixfiet severi? Kif se tiżgura li l-preparatezza u l-adattament għar-riskji klimatiċi jkunu inkorporati b'mod adegwat anke fil-politiki tal-UE relatati mal-agrikoltura u l-ikel?

L-importanza tal-prevenzjoni tad-diżastri qed tiżdied bl-effetti u l-kostijiet dejjem aktar tanġibbli tat-tibdil fil-klima. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nimpenja ruħi biex fil-Kummissjoni li jmiss nieħu approċċ tassew komprensiv f'dan ir-rigward, li fl-aħħar mill-aħħar huwa wkoll fiċ-ċentru tal-unjoni tal-preparatezza futura.

Se nappoġġa għanijiet ta' politika komuni għall-prevenzjoni tad-diżastri, speċjalment f'setturi ewlenin. Inizjattivi kruċjali f'dan ir-rigward jinkludu l-Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima, l-inizjattiva għar-Reżiljenza tal-Ilma, u l-Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel.

L-adattament għat-tibdil fil-klima huwa dwar l-istabbiliment proattiv ta' miżuri li jillimitaw il-potenzjal distruttiv taż-żieda fil-perikli klimatiċi. Għalhekk se nagħti l-appoġġ kollu tiegħi biex niżgura li kull investment isir strutturalment reżiljenti għal diżastri futuri relatati mal-klima b'mod intenzjonat. Barra minn hekk, se nipromwovi prevenzjoni "intelliġenti" li għib ukoll benefiċċji ekonomiċi u soċjali għas-soċjetajiet u ċ-ċittadini tagħna. Din tinkludi iżda mhijiex limitata għall-politiki tal-UE dwar l-agricoltura u l-ikel. Naturalment se nffitex li niżgura li l-mekkaniżmi ta' solidarjetà skont l-UCPM jindirizzaw ukoll it-theddid klimatiku.

Ilkoll rajna l-għargħar drammatiku reċenti fl-Ewropa Ċentrali, in-nirien kif ukoll iż-żieda fin-nixfiet fin-Nofsinhar tal-Ewropa, li għal darb'oħra wrew ir-rwol kruċjali taċ-ċiklu tal-ilma fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u l-ħtieġa urġenti għal prevenzjoni msaħħa biex jiġu indirizzati r-riskji relatati mal-ilma. Se nkun lesta nappoġġa l-ħidma fuq Strateġija Ewropea ġdida għar-Reżiljenza tal-Ilma fejn ikun meħtieġ approċċ ta' preparatezza. B'mod ugwali, se naħdem mal-Kummissarji sħabi biex nipromwovi adattament għat-tibdil fil-klima u nikkontribwixxi għall-ħidma dwar il-Pjan Ewropew ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Se nkun qed nagħti ħarsa wkoll lejn il-promozzjoni li s-sostenibbiltà tas-settur tal-biedja u tal-ikel tagħna tkun tinkludi aspetti tar-reżiljenza għad-diżastri.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

9. Preparatezza

Waħda mill-prijoritajiet tal-portafoll tiegħek se tkun il-Preparatezza u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet. Dan jiġi fl-isfond ta' theddid emerġenti u attacchi ibridi, b'dimensjoni kemm interna kif ukoll esterna li tpoġġi f'sogru mhux biss il-funzjonament tal-infrastrutturi kritiċi u s-servizzi pubbliċi bażiċi tagħna iżda wkoll is-sigurtà u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna kif ukoll l-istabbiltà ekonomika u l-prosperità tagħna. F'dan ir-rigward, inti se tkun responsabbli għas-sorveljanza tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Strateġija tal-Unjoni fir-rigward tal-Preparatezza, bl-għan ta' Liġi potenzjali tal-UE dwar il-preparatezza fil-futur. X'passi se tiegħu biex tiżviluppa din l-istrateġija? Filwaqt li tirrispetta l-kompetenza nazzjonali, kif se tiżgura li l-livelli differenti tal-amministrazzjoni, is-settur privat u s-soċjetà ċivili jkunu involuti bis-sħiħ f'din l-istrateġija? U kif se tippjana li ssaħħaħ Kultura ta' Preparatezza tal-UE fid-dibattitu pubbliku tagħna?

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se mmexxi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija ambizzjuża tal-UE għal unjoni tal-preparatezza f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissarji sħabi, ir-RGħ/VP u l-Istati Membri. Se nibni fost l-oħrajn fuq ir-rapport speċjali dwar il-preparatezza ċivili u tad-difiża tal-eks President Finlandiż Niinistö.

Fid-dawl tar-realtà l-ġdida tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Ewropa, b'theddid ġdid u li qed jiżdied għas-sigurtà interna u esterna u b'impatt dejjem akbar tat-tibdil fil-klima, strateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza tirrappreżenta għodda ewlenija biex tiġi żviluppata viżjoni komuni dwar il-preparatezza effiċjenti tas-soċjetajiet, iċ-ċittadini u l-infrastruttura kritika tagħna peress li din hija kundizzjoni ewlenija biex jiġu ssalvagwardjati l-istabbiltà ekonomika u l-prosperità tagħna.

L-istrateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza se tirrikonoxxi l-importanza tas-Suq Uniku, li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-PDG tal-UE u għandu impatt fuq kważi 450 miljun ċittadin. Kriżijiet reċenti wrew kemm is-Suq Uniku jista' jkun vulnerabbli meta jkun hemm tfixkil u kemm l-ekonomija Ewropea tiddependi fuq Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb. L-Att dwar l-Emerġenza u r-Reżiljenza tas-Suq Intern (IMERA, Internal Market Emergency and Resilience Act), iffirmit b'mod formali f'Ottubru 2024, se jservi bħala pedament għal Suq Uniku li jiffunzjona matul il-kriżijiet u se jissalvagwardja l-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-persuni. L-IMERA se jipprevedi eżerċizzji konġunti mal-Istati Membri għal simulazzjonijiet ta' kriżi fuq skala kbira, filwaqt li jiżgura t-tnejn għal xenarji li jistgħu jfixklu s-Suq Uniku. Il-Bord tal-IMERA, responsabbli għall-governanza u s-sorveljanza strateġika, se jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija, inklużi l-SMEs, jistgħu jipparteċipaw biex jiżguraw li n-negozji jkunu jistgħu jikkontribwixxu għall-miżuri ta' preparatezza kif ukoll jibbenefikaw minnhom.

L-istrateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza se ssegwi definizzjoni wiesgħa ta' "preparatezza" li tinkludi wkoll il-kunċetti tat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, u b'hekk tipprovdi approċċ strateġiku ġenerali

għall-ġestjoni tad-diżastri u tal-kriżijiet għas-snin li ġejjin. Din l-Istrateġija tista' tiffoka fuq approċċ integrat u li jkopri l-perikli kollha, approċċ ta' gvern sħiħ u approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha.

1. Approċċ integrat u li jkopri l-perikli kollha: *bidla lejn mod aktar proattiv ta' ġestjoni tal-kriżijiet fil-livell tal-UE* - minħabba li d-diżastri u l-kriżijiet qed isiru dejjem aktar kumplessi, qed iseħħu simultanjament u qed jaggravaw lil xulxin u qed jinfirxu f'setturi u livelli differenti ta' amministrazzjoni. Biex inkun nista' nifhem u nantiċipa aħjar tali diżastri u kriżijiet fil-futur, se niżgura t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fl-oqsma tal-prospettiva strateġika, l-antiċipazzjoni, l-analiżi tar-riskju, it-twissija bikrija, id-detezzjoni u l-analiżi. Barra minn hekk, se naħdem mal-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ biex nintegraw aktar il-ġestjoni u l-prevenzjoni tar-riskju, u l-adattament għat-tibdil fil-klima fis-setturi ewlenin tas-soċjetà u l-ekonomija Ewropej; Jeħtieġ li l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali jagħmlu użu aħjar mill-fondi reġjonali u ta' koeżjoni eżistenti biex iżidu l-livell ta' preparatezza tagħhom.
2. Approċċ governattiv sħiħ: *approċċ aktar komprensiv u integrat għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Ewropa* - minħabba li f'każ ta' diżastru jew kriżi kumplessa, elementi differenti tal-gvern, mil-livell reġjonali għal dak nazzjonali u tal-UE, għandhom jaħdmu flimkien mingħajr xkiel għall-protezzjoni taċ-ċittadini. Se nivvaluta wkoll jekk hemmx bżonn ta' leġiżlazzjoni dwar il-Preparatezza tal-UE li tista' tappoġġa l-istabbiliment ta' standards u linji gwida konġunti u tallinja l-isforzi tal-UE u daww nazzjonali bl-aktar mod effiċjenti possibbli.
3. Approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha: *stabbiliment usa' ta' kultura ta' preparatezza u reżiljenza fl-Ewropa* - minħabba li l-iżgurar ta' preparatezza kollettiva huwa possibbli biss bl-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż is-settur privat, l-industrija u n-negozji, iżda wkoll il-komunità xjentifika, u fuq kollox il-komunitajiet lokali u ċ-ċittadini tagħna.

Approċċ komprensiv ta' preparatezza għall-UE huwa fl-interess komuni tagħna f'dawn iż-żminijiet ta' "polikriżi". Se nagħmel kull sforz biex naħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex nappoġġjahom fit-tisħiħ tal-politiki u l-operazzjonijiet nazzjonali tagħhom għall-ġestjoni tal-kriżijiet u biex nikseb l-appoġġ tagħhom għall-ħidma meħtieġa fil-livell tal-UE.

10. Leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u leġiżlazzjoni oħra marbuta mal-ugwaljanza

Kif biħsiebek tindirizza l-lakuni fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u tiżgura infurzar effettiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE kontra r-razziżmu u kontra d-diskriminazzjoni, kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek biex tegħleb l-imblukkar politiku fil-Kunsill fir-rigward tad-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni u x'inhuma l-intenzjonijiet tiegħek fir-rigward tal-proposta eżistenti, meta titqies il-pożizzjoni tal-PE? Kif qed tippjana li tiżbokka l-proposta li l-lista tal-UE ta' reati kriminali tiġi estiża biex tinkludi d-diskors ta' mibegħda u r-reati kriminali ta' mibegħda, u x'miżuri addizzjonali se tieħu biex tiġġieled dawn ir-reati? Kif se timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Istanbul? Qed tippjana li tagħmel rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex tinkludi definizzjoni tal-istupru bbażata fuq il-kunsens? Se tappoġġja l-estensjoni tal-lista attwali ta' "reati kriminali tal-UE" kif deskritt fl-Artikolu 83 tat-TFUE biex tinkludi b'mod espliċitu "il-vjolenza abbażi tal-ġeneru" u x'azzjonijiet oħra qed tippjana biex tissielet kontra dan it-tip ta' vjolenza, inkluż il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru? X'inhil l-istrateġija tiegħek kontra l-bullying ċibernetiku u, b'rabta mat-treddid online, kif se tittratta l-protezzjoni tat-tfal u ta' gruppi vulnerabbli oħra online, b'mod partikolari fir-rigward ta' elementi qarrieqa, disinji qarrieqa u li joħolqu dipendenza u kontenut iġġenerat mill-IA?

Kif se tikkollabora mal-Kummissarji l-oħra f'dan il-qasam, b'mod partikolari mal-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u l-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt?

F'dawn l-aħħar snin sar progress importanti biex jissaħħaħ il-qafas legali ġenerali tal-UE dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Madankollu, l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali tindirizza diskrepanza kbira li fadal fil-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni billi tippoteġi lil kull individwu fis-soċjetajiet tagħna, lil hinn mill-qasam tal-impjegi diġà kopert mil-leġiżlazzjoni tal-UE, kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali. Ninsab impenjata bis-sħiħ li niżgura li n-negozjati dwar din il-proposta komprensiva jibqgħu prijorità għall-mandat li ġej, filwaqt li qed norbot fuq l-appoġġ kontinwu mill-Parlament Ewropew. Fil-Kunsill, il-progress reċenti fl-ambitu tal-Presidenza Belġjana ħoloq momentum qawwi biex nimxu 'l quddiem. Se nikkoopera mill-qrib mal-Presidenzi tal-Kunsill u nuża l-isforzi kollha tiegħi biex nappoġġa l-ħidma fil-Kunsill bil-ħsieb li tintlaħaq l-unanimità meħtieġa.

L-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tar-regoli dwar l-ugwaljanza għadhom sfida. Il-Linji Gwida Politiċi jagħmluha ċara li l-implimentazzjoni għandha tkun prijorità ewlenija, u speċjalment fil-qasam tal-ugwaljanza, dak li huwa importanti huwa l-impatt tar-regoli tagħna għall-individwi. Għalhekk, jekk niġi kkonfermata, se nuża d-djalogi ta' implimentazzjoni mal-partijiet ikkonċernati stabbiliti fil-Linji Gwida Politiċi biex niddiskuti l-progress u nidentifika sfidi konkreti ta' implimentazzjoni fil-prattika: nistenna bil-ħerqa li niddiskuti r-riżultati fil-Parlament Ewropew sabiex inkunu nistgħu naħdmu flimkien fuq soluzzjonijiet. Se nappoġġa wkoll lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-għdida, permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma u gwida li jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet nazzjonali u lis-sħab soċjali, biex japplikaw ir-regoli fil-prattika. Hemm ħafna eżempji ta' Prattika tajba, u jeħtieġ li nipromwovuhom. Se nimmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni taż-żewġ Direttivi l-ġodda dwar it-tishiġ tal-korpi tal-ugwaljanza li jassistu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni.

Bir-rapport li jmiss rigward id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Ugwaljanza fl-Impjeggi mistenni fl-2026, se nipproponi li ssir enfasi speċifikament fuq is-sanzjonijiet f'każijiet ta' diskriminazzjoni. Se nagħmel segwitu mal-Istati Membri biex niżgura l-applikazzjoni xierqa. Fl-aħħar nett, se nuża s-setgħat kollha fdati lill-Kummissjoni biex niżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-acquis, kif ukoll is-sentenzi rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Pereżempju, fir-rigward tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ, se nagħti appoġġ sħiħ lill-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tas-sentenzi dwar ir-rikonoxximent taż-żwieġ u l-istat ta' ġenitur ta' koppji tal-istess sess bejn l-Istati Membri għall-finijiet ta' moviment liberu.

Bl-istess mod, jekk niġi kkonfermata, se nappoġġa lill-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt fir-rigward tal-inklużjoni ta' diskors ta' mibegħda u reat ta' mibegħda fil-lista ta' "reati tal-UE" fl-Artikolu 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex inħeġġeġ lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill meħtieġa b'unanimità. Minn perspettiva speċifika ta' ugwaljanza, se niżgura li l-azzjonijiet biex jiġu miġġielda d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda jkollhom post prominenti fl-istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza għal wara l-2025, relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ugwaljanza tal-LGBTIQ. Se nistinka wkoll biex nindirizza d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda mmirati lejn il-persuni Rom u l-persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, jekk niġi kkonfermata, se naħdem ukoll mill-qrib mal-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u għall-Migrazzjoni biex niżgura koordinazzjoni effettiva bejn l-istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza u l-ħidma biex niġġieldu l-anti-semitiżmu u nrawmu l-ħajja Lhudija, u biex niġġieldu l-mibegħda anti-Musulmana.

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru tibqa' realtà tal-biża' għal wisq nies fl-UE u m'għandux ikollha wisa' fis-soċjetajiet tagħna. F'dawn l-aħħar snin, l-UE għamlet progress biex tipprevjeni tali vjolenza, tiproteġi lill-vittmi u tikkastiga lill-awturi tar-reati, b'mod partikolari bl-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul. L-implimentazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva, li tirrikjedi l-kriminalizzazzjoni, fost l-oħrajn, tad-diskors ta' mibegħda abbażi tal-ġeneru online u tistabilixxi miżuri dwar il-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi u l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja, issa se tkun kruċjali. Se nappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom rigward il-vjolenza abbażi tal-ġeneru b'mod ġenerali, u dwar ir-rwol tal-kunsens fir-relazzjonijiet sesswali b'mod partikolari.

Fir-rigward tar-reat tal-istupru, jiddispjaċini li fid-Direttiva dwar il-vjolenza kontra n-nisa ma setgħetx tiġi miftiehma definizzjoni fil-livell tal-UE ta' stupru bbażata fuq nuqqas ta' kunsens. L-evidenza empirika u l-każijiet pubbliċi attwali juru li d-definizzjonijiet ibbażati fuq l-użu tal-forza jew theddida huma antikwati u li hija meħtieġa definizzjoni moderna bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens. Madankollu, qabel rieżami tad-Direttiva dwar il-vjolenza kontra n-nisa, għandna niffukaw l-ewwel fuq l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tagħha. Minkejja dan, se nassisti lill-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u għall-Migrazzjoni fin-negozjati dwar id-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal, fejn hija inklużi definizzjoni simili u fejn l-appoġġ tal-Parlament se jkun essenzjali. It-tishiġ ulterjuri tal-lista ta' reati tal-UE jkun jeħtieġ unanimità fil-Kunsill, bħal fil-każ tal-proposti għal diskors ta' mibegħda u reat ta' mibegħda.

Hemm għadd ta' passi x'jittieħdu biex tkompli tiġi indirizzata l-vjolenza ċibernetika. Minbarra l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-vjolenza kontra n-nisa, li tirrikjedi l-kriminalizzazzjoni tal-aktar forum komuni ta' vjolenza ċibernetika (kondivizzjoni mhux kunsenswali ta' immaġni intimi, inkluż deepfakes iġġenerati mill-IA, fastidju ċibernetiku, cyberstalking u diskors ta' mibegħda misoġinistiku online), jekk niġi kkonfermata, se nesplora kodiċi ta' kondotta mal-pjattaformi tal-media soċjali dwar il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet, nikkontibwixxi għall-pjan ta' azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku u l-ħidma mmexxija mill-Kummissarju għall-Ekwità Interġenerazzjonali, iż-Żgħażaġħ, il-Kultura u l-Ispert. Fl-aħħar nett, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt dwar is-sikurezza fil-politika peress li l-bullying ċibernetiku, speċjalment il-bullying ċibernetiku bbażat fuq il-ġeneru, huwa raġuni ewlenija għalfejn in-nisa ma jidħlux jew ma jibqgħux fil-politika.

11. L-istrateġiji dwar l-ugwaljanza, id-diżabilità u d-data dwar l-ugwaljanza

Kif se tikkollabora ma' Kummissarji oħra tal-UE biex tiżgura l-koerenza u l-integrazzjoni f'politiki oħra tal-UE ta' diversi strateġiji marbuta mal-ugwaljanza, bħall-Istrateġija LGBTIQ+, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza u l-Inklużjoni tar-Rom, u l-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-rażziżmu u l-Istrateġija kontra r-Razziżmu? Tipprevedi proposti leġiżlattivi ġodda meta taġġorna l-istrateġiji għall-ugwaljanza u l-antidiskriminazzjoni? Kif se taħdem biex tiżgura li l-UE tibqa' spazju sikur u inklużiv għall-individwi kollha, irrISPETTIVAMENT mill-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru tagħhom? Se timpenja ruħek li tuża proċeduri ta' ksur rapidi f'każijiet ta' rigress? X'passi tieħu biex ittejjeb il-ġbir ta' aktar data u data aħjar dwar l-ugwaljanza? Barra minn hekk, x'azzjonijiet se tieħu biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-NU fi ħdan l-Istati Membri u fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE? X'passi se tieħu biex l-UE tingħaqad mal-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-NU?

L-integrazzjoni tal-ugwaljanza mhijiex objettiv fiha nnifisha, iżda mezz biex jissaħħa il-pedament ta' soċjetà ġusta u prospera, u, bl-użu tat-talent kollu tagħha, ta' ekonomija aktar kompetittiva u soċjetà demokratika u sikura. Huwa għalhekk li jeħtieġ li nibgħu nikkombinaw inizzjattivi mmirati dwar l-ugwaljanza mal-integrazzjoni tal-ugwaljanza biex niksbu l-Unjoni ta' ugwaljanza msemmija fl-ittra ta' missjoni tiegħi.

F'konformità mal-Ittra ta' Missjoni tiegħi, jekk niġi kkonfermata, se mmexxi l-ħidma dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza fil-politiki, fil-leġiżlazzjoni u fil-programmi ta' finanzjament tal-UE. Se nagħmel użu sħiħ mit-Taskforce dwar l-Ugwaljanza bin-network tagħha ta' Koordinaturi tal-Ugwaljanza fid-Direttorati Ġenerali kollha tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, sabiex jiġu koperti l-oqsma kollha ta' politika tal-UE. Il-Kummissarji nnominati u l-Viċi Presidenti Eżekuttivi nnominati kollha impenjaw ruħhom għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri. Nistenna bil-ħerqa li navvanza dan l-impenn b'saħħtu permezz ta' skambji mal-kollegi tiegħi dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza fil-portafolli tagħhom, b'mod partikolari dwar l-opportunitajiet ta' benefiċċju reċiproku li jirriżultaw meta tiġi kkunsidrata l-ugwaljanza. Se naħdem mal-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika, biex nara kif il-perspettiva tal-ugwaljanza tista' tiġi integrata bl-aħjar mod fil-programmi ta' finanzjament. Eżempju mill-passat jista' jservi ta' ispirazzjoni: il-proġett pilota dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit.

Dan għandu jkun appoġġat minn taħriġ u informazzjoni fil-Kummissjoni kollha, b'enfasi fuq oqsma bħall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, l-ugwaljanza tal-LGBTIQ jew l-integrazzjoni tad-diżabilità. Il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet fl-oqsma ta' politika tal-UE jistgħu jħarsu b'mod utli lejn id-dimensjoni tal-ugwaljanza.

Diversi strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni tal-Unjoni ta' Ugwaljanza jaslu fi tmiemhom is-sena d-dieħla. Jekk niġi kkonfermata, se nibda naħdem minnufih fuq l-Istrateġija l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, fuq Strateġija mġedda dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ u fuq Strateġija ġdida Kontra r-Razziżmu. Jekk niġi kkonfermata, se niżgura li t-tfassil tal-istrateġiji l-ġodda jibbenefika minn proċess konsultattiv wiesa', li jinvolvi l-Parlament Ewropew, l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra. Se nħares lejn jekk u liema azzjoni hija meħtieġa biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi li fadal jew biex jissaħħa il-qafas legali eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess ugwali tal-irġiel u n-nisa għall-oġġetti u s-servizzi u l-impatt tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-intelliġenza artifiċjali, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza.

Fir-rigward tas-sikurezza tal-persuni LGBTIQ, se nistinka biex nibni soċjetajiet Ewropej aktar sikuri għan-nies fid-diversità kollha tagħhom. Jekk niġi kkonfermata, se nivvaluta bir-reqqa dak li nkiseb, fejn jinsabu d-diskrepanzi li fadal u se nipproponi miżuri mmirati biex jiħarsu d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ u jinħolqu sinerġiji mal-istrateġiji l-oħra tal-ugwaljanza. L-istrateġija mġedda dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ li se nipproponi se tenfasizza, fost affarijiet oħra, fuq il-projbizzjoni tal-prattika tat-terapija ta' konverżjoni, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi tal-Istati Membri. Hemm haġna dimensjonijiet tal-politika fejn jeħtieġ li jitqiesu l-interessi partikolari tal-persuni LGBTIQ, inkluż il-fastidju, id-drittijiet tat-tfal u s-saħħa mentali. Nistenna bil-ħerqa li navvanza dawn il-kwistjonijiet mal-Kummissarji responsabbli għal dawn il-portafolli.

It-tweġiq, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni se jkunu fil-qalba tal-ħidma tiegħi bħala Kummissarju għall-Ugwaljanza, jekk niġi kkonfermata. Se niddiskuti mal-Istati Membri fejn hemm nuqqasijiet u se nissorvelja l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni adottata reċentement. Il-korpi tal-ugwaljanza msaħħa se jagħtu aktar sura lir-regoli tal-UE dwar l-ugwaljanza u n-

nondiskriminazzjoni fil-livell nazzjonali. Fejn ikun meħtieġ u xieraq, mhux se noqgħod lura milli nipproponi lill-Kulleġġ li neżerċitaw is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni bħala Gwardjan tat-Trattati, inkluż l-użu ta' proċeduri ta' ksur.

Naqbel bis-sħiħ li neħtieġu *data* aktar preċiża u komparabbli biex dawk li jfasslu l-politika u l-pubbliku jkunu jistgħu jivvalutaw l-iskala u n-natura tad-diskriminazzjoni mġarba, u biex nibnu l-għarfien tagħna dwar ix-xejriet fuq bażi robusta. Sar progress, inkluż permezz ta' ħidma mal-Istati Membri inkluż permezz ta' statistika nazzjonali. Se nipproponi li l-Kummissjoni tkompli żżid l-isforzi tagħha dwar id-*data* dwar l-ugwaljanza meta ġġedded l-istrateġija tal-ugwaljanza. Jekk niġi kkonfermata, matul il-mandat tiegħi se naħdem fil-Kummissjoni, mal-Istati Membri, mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA, Fundamental Rights Agency) u mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE, European Institute for Gender Equality), mal-Presidenzi tal-Kunsill, mal-grupp Praia tan-NU, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ma' partijiet ikkonċernati oħra lejn *data* dwar l-ugwaljanza akbar u aħjar.

Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq rapport ta' progress tal-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030, filwaqt li qed tivvaluta l-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll l-isfidi li fadal. Il-Kummissjoni, bħala l-punt fokali tal-UE skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD, UN Convention on the Rights of Persons with Disabilities), qed tlesti wkoll għad-djalogu kostruttiv dwar l-implimentazzjoni tagħha fl-UE. Dawn il-proċessi huma ta' għajjnuna kbira biex jiġu identifikati d-diskrepanzi li fadal u, fejn jitqies meħtieġ, jiġu aġġornati l-oġettivi u l-azzjonijiet tal-Istrateġija. Mhux l-Istati Membri kollha aderew mal-Protokoll Fakultattiv tal-UNCPRD, u l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill għall-adeżjoni tal-UE mal-Protokoll Fakultattiv ilha mal-Kunsill mill-2008. Nimpenja ruħi li niżgura li l-Kummissjoni ssegwi mill-qrib il-progress tal-adeżjoni tal-Istati Membri ma' dan il-Protokoll Fakultattiv.

Jekk niġi kkonfermata, waħda mill-prijoritajiet bikrija tiegħi tkun li nnaqas id-diskrepanza li fadal u li nikkontribwixxi għal Ewropa mingħajr ostakli għall-persuni b'diżabilità. L-oqsma ewlenin li għandhom jingħataw attenzjoni se jibqgħu l-impjeg, l-għajxien indipendenti, l-aċċessibbiltà, u l-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet tad-diżabilità fl-oqsma kollha ta' politika.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

12. X'inhuma l-oqsma ta' prijarità ewlenin u l-miżuri konkreti tiegħek għall-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa li jmiss u għall-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri mġedda tal-UE? Kif se jirrelataw ma' dokumenti strateġiċi oħra? Kif se tiżgura li d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu prijaritizzati u koperti kif xieraq fi ħdan il-portafoll tiegħek stess u fil-Kummissjoni l-ġdida kollha? Kif se torganizza x-xogħol, tiżgura l-kooperazzjoni mal-Kummissarju għall-Ġustizzja u d-DG JUST? Kif qed tippjana li żżomm u tintegra l-approċċ intersezzjonali fil-ħidma tiegħek fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni u l-provvista ta' oġġetti u servizzi? L-istrateġija se tinkludi segwitu għall-impenn lejn is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u linji gwida li għandhom jiġu żviluppati għal edukazzjoni dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet li tkun komprensiva u adattata għall-età?

Il-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa se jistabbilixxi l-viżjoni tagħna dwar id-drittijiet tan-nisa, filwaqt li jkollna diskussjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri. Diġà huwa ċar li oqsma bħall-vjolenza kontra n-nisa u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u politika tan-nisa jridu jibqgħu fuq quddiem tal-aġenda. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza u mal-Kummissarji kollha biex niżgura li l-Pjan Direzzjonali jirrifletti l-isfidi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika, kemm fix-xogħol, fis-saħħa, fl-edukazzjoni, fil-ġustizzja, jew fl-ispazju online. It-taħlita taż-żewġ portafolli tiegħi se tgħinni wkoll biex niżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fi żminijiet ta' kriżi. Kriżijiet differenti – relatati mas-saħħa, il-kunflitt jew il-klima – kollha għandhom dimensjonijiet ċari tal-ugwaljanza u r-reazzjonijiet effettivi għall-kriżijiet iridu jqisu l-ħtiġijiet ta' gruppi differenti ta' persuni fis-soċjetà.

Jekk niġi kkonfermata, se nipproponi pjan direzzjonali lill-Kulleġġ li se jipprovdi aġenda ta' livell għoli; dan se jiggwidana fl-iżvilupp tal-Istrateġija tagħna dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2025 li se tippreżenta azzjonijiet konkreti biex jintlaħqu dawn l-oġettivi. L-istrateġija futura se tibbaża fuq diversi studji li għaddejjin kif ukoll proċess wiesa' ta' konsultazzjoni pubblika. Prijorità għall-ġejjieni hija l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE li ġiet adottata f'dawn l-aħħar snin, u l-iżgurar li d-drittijiet il-ġodda u l-protezzjoni msaħħa jsiru realtà fil-prattika. Prijorità oħra tista' tkun l-iżvilupp ta' inizjattiva biex tittejjeb ir-rappreżentanza tan-nisa fil-politika, marbuta wkoll mal-ħidma tal-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt, dwar is-

sikurezza tal-kandidati politiċi u r-rappreżentanti eletti. Inizjattivi oħra jistgħu jservu biex isaħħu l-indipendenza finanzjarja tan-nisa u jnaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u biex jindirizzaw l-istereotipi dannużi marbuta mal-ġeneru speċjalment fil-media u r-reklamar. Beħsiebni wkoll inħares mill-qrib lejn id-diskriminazzjoni algoritmika, filwaqt li nqis l-ewwel esperjenzi tal-implimentazzjoni tal-Att il-ġdid dwar l-IA. L-Istrateġija tista' tindirizza wkoll ċerti kwistjonijiet relatati mas-saħħa, inkluż is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati sal-punt kopert mill-kompetenza tal-UE. Se nistinka biex flimkien mal-Kummissarju għas-Shubbijiet Internazzjonali, niżgura koerenza sħiħa kemm tal-Pjan Direzzjonali kif ukoll tal-Istrateġija li jmiss dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri mal-azzjoni esterna tal-UE dwar dawn l-aspetti. L-istrateġija l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tista' tiegħu wkoll approċċ intersezzjonali, filwaqt li tqis il-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli ta', pereżempju, nisa b' dżabilità, nisa migranti, jew nisa LGBTIQ, u b'hekk tiżgura l-koerenza ma' strateġiji oħra tal-Unjoni ta' Ugwaljanza. Mill-esperjenza personali, naf kemm huwa essenzjali li jiġi segwit approċċ intersezzjonali għal azzjoni ta' politika effettiva dwar l-ugwaljanza.

Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Annimali biex nindirizza d-diskriminazzjoni fil-qasam tas-saħħa. Il-programm EU4Health kien kruċjali fil-ġlieda kontra l-inugwaljanza fil-prevenzjoni tal-mard, fil-preparatezza għall-kriżijiet, fil-provvista tal-kura tas-saħħa. Skont il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, ir-Reġistru Ewropew tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer iddokumenta l-inugwaljanzi relatati mal-età, il-ġeneru, il-livell edukattiv u tal-introjtu, u d-disparitajiet fil-prevenzjoni u l-kura tal-kanċer bejn iż-żoni urbani u rurali.

Minħabba l-interkonnessjonijiet tal-politiki rispettivi tagħna, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt biex niżgura li perspettiva tal-ugwaljanza tiġi integrata kif xieraq fil-politiki kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Beħsiebni naħdem ukoll mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza u mal-Kummissarju għall-Ekwità Interġenerazzjonali, iż-Żgħażaġħ, il-Kultura u l-Ispport biex nindirizza kwistjonijiet bħad-diskriminazzjoni, il-bullying, u l-istereotipi fl-edukazzjoni. Filwaqt li nirrispetta l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar il-kontenut tal-edukazzjoni, fil-fehma tiegħi, il-promozzjoni ta' edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, f'konformità mal-Linji Gwida tal-UNESCO u l-istandards internazzjonali, hija fattur kritiku ta' suċċess fil-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u fit-titjib tas-saħħa u l-benesseri taż-żgħażaġh.

Nistieden ukoll lill-Onorevoli Membri jirreferu għat-tweġibiet tal-mistoqsija 10.

13. Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri għadha tippersisti sal-lum, u flimkien ma' sfidi strutturali oħra għall-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol jikkontribwixxu għal differenza daqstantieħor inkwetanti fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri. X'azzjonijiet konkreti se tiegħu biex tindirizza d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u biex tnaqqas id-diskriminazzjoni fil-pagi b'mod partikolari f'setturi ddominati min-nisa, bħal pereżempju l-kura? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek biex tindirizza u tneħħi l-isfidi, bħal pereżempju n-nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, in-nuqqas ta' appoġġ biżżejjed u n-nuqqas ta' qafas legali għar-responsabbiltajiet ta' kura li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa, bħal pereżempju l-ommijiet, li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar baxxa tan-nisa fl-impjiegi u f'setturi b'pagi oġhla? Kif se tagħti attenzjoni speċjali lin-nisa f'sitwazzjonijiet prekarji jew f'kundizzjonijiet ta' vulnerabbiltà, bħal pereżempju n-nisa mingħajr saqaf fuq rashom, jew lill-aċċess tan-nisa f'żoni rurali jew reġjuni remoti għas-servizzi u l-infrastruttura essenzjali?

L-inugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex biss inġustizzja, iżda hija wkoll ostaklu ekonomiku enormi b'impatt negattiv fit-tul fuq il-kompetittività tagħna. Filwaqt li d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE naqset bi ftit, minn 13.7 % fl-2019 għal 12.7 % fl-2022, xorta għadha għolja wisq fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Bħala riżultat tad-diffikultajiet li n-nisa jiffaċċjaw matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet fl-2023 kienet għadha 25.4 % fil-livell tal-UE.

Il-miżuri ta' trasparenza fil-pagi stabbiliti fid-Direttiva adottata reċentement u l-infurzar aktar b'saħħtu tad-dritt ta' paga ugwali se jkun bidla radikali għan-nisa fl-Ewropa. Dawn il-miżuri se jagħtu s-setgħa lill-ħaddiema biex jitolbu d-drittijiet tagħhom billi jagħtuhom aċċess għall-informazzjoni li jeħtieġu. Ir-regoli l-ġodda se jiskattaw ukoll azzjoni mill-kumpaniji biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni strutturali jew il-preġudizzju fil-pagi, meta jkun jeżisti.

L-Istati Membri għandhom sa Ġunju 2026 biex jitttrasponu d-Direttiva fl-liġi nazzjonali. Jekk niġi kkonfermata, nixtieq li l-Kummissjoni tagħmel sforz konġunt biex tappoġġa t-traspożizzjoni xierqa tad-Direttiva fl-Istati Membri, u mbagħad l-implimentazzjoni sħiħa tagħha fil-prattika, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi eċċessivi għal min iħaddem. Nistgħu nagħmlu dan billi norganizzaw sessjonijiet ta' ħidma dwar l-implimentazzjoni u skambji ta' tagħlim reċiproku biex niffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin, u billi norganizzaw laqgħat mal-Istati Membri li għandhom mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni tal-liġi. Se naħdem fuq gwida, pereżempju dwar kif jiġi stabbilit xogħol ta' valur ugwali u dwar id-diskriminazzjoni intersezzjonali fil-liġi. Il-finanzjament tal-UE jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali fl-iżvilupp ta' għodod diġitali biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Minbarra li nindirizza d-differenza fil-pagi, inkompli nistinka biex innaqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi. Miżura ewlenija biex isir dan hija l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata. Din id-Direttiva għandha l-għan li tiffaċilita tqassim aħjar tar-responsabbiltajiet ta' kura biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għan-nisa biex jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari meta jkun hemm tfal jew persuni akbar fl-età fil-familja li għandhom bżonn jiġu mħarsa. Dan tagħmlu billi tfassal il-liv tal-familja u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli b'mod li tagħmilhom aktar attraenti u għalhekk għandha tagħmilhom aktar popolari mal-irġiel.

Ir-regoli l-ġodda kellhom jiġu implimentati sa Awwissu 2022. Issa hija l-intenzjoni tiegħi li nimmonitorja mill-qrib jekk il-liġijiet nazzjonali jikkonformawx mar-rekwiżiti tad-Direttiva, speċjalment id-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-liv tal-ġenituri u/jew il-kumpens tiegħu. Bħala l-ewwel pass, beħsiebni nidħol fi djalogu mal-Istati Membri kkonċernati biex infittxu li nindirizzaw xi wħud min-nuqqasijiet u nipromwovu l-appoġġ ta' finanzjament disponibbli.

Fl-aħħar nett, sabiex jiġi indirizzat d-“distakk bejn il-ġeneri fl-għoti tal-kura”, l-Istrateġija mġedda dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri se tkun ta' opportunità biex jiġu ppreżentati azzjonijiet ġodda biex jissaħħu d-drittijiet u l-ugwaljanza tan-nisa, madwar l-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE.

Fir-rigward tan-nisa f'sitwazzjonijiet prekarji jew f'kundizzjonijiet ta' vulnerabbiltà, nemmen bis-sħiħ li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni jridu jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Pereżempju, in-nisa spiss jikkostitwixxu s-sehem akbar tal-hekk imsejħa “persuni bla dar mhux dokumentati” li ma għandhomx djar permanenti. Se naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza u l-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni biex niżgura li l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar tkun relatata wkoll mal-isfidi tal-ugwaljanza, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' daww l-aktar vulnerabbli, inklużi l-persuni mingħajr dar, huwa essenzjali li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-faqar, u ssir enfasi fuq dħul insuffiċjenti, diskrepanzi fl-aċċess għas-suq tax-xogħol u diskrepanzi fl-aċċess għas-servizzi soċjali u essenzjali.

Jekk niġi kkonfermata, beħsiebni wkoll nagħti spinta lill-isforzi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza għan-nisa f'reġjuni rurali u remoti. Minkejja l-kontribut enormi tagħhom, ħafna drabi jiffaċċjaw aċċess mhux ugwali għar-riżorsi, l-edukazzjoni u s-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Se nikkooopera mal-Kummissarju għall-Agrikoltura u għall-ikel biex niżgura li nibnu fuq il-kisbiet tal-politiki tagħna u l-finanzjament disponibbli biex nappoġġaw lin-nisa f'żoni rurali u remoti, inklużi l-PAK 2023-2027 li tinkludi referenza speċifika għall-ħtieġa li tittejjeb is-sitwazzjoni tan-nisa li jgħixu f'żoni rurali u remoti. Is-servizzi essenzjali u soċjali huma l-faċilitaturi ewlenin tal-inklużjoni soċjali tan-nisa li jgħixu f'żoni rurali u remoti. Se niżgura li l-finanzjament tal-UE jkompli jinvesti fil-forniment ta' daww is-servizzi f'dawn l-oqsma għall-benefiċċju tan-nisa.

14. Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija pjaga li tolqot lin-nisa kollha fl-UE fid-dar, fuq il-post tax-xogħol u fit-toroq. Kif biħsiebek tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-Vjolenza kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika u tal-Konvenzjoni ta' Istanbul fil-partijiet kollha tal-UE? Il-vjolenza sesswali u l-bullying ċibernetiku jissemmew fid-Direttiva iżda dan mhux biżżejjed. X'miżuri se jinkludi l-Pjan ta' Azzjoni kontra l-Bullying Ċibernetiku li jmiss biex jiġi żgurati li l-ispazji diġitali jkun sikuri mill-fastidju online, mid-diskors ta' mibegħda u mill-abbuż online? Se tindirizza l-immaġnijiet użati biex jiddegradaw lin-nisa u jtebbgħu r-reputazzjoni tagħhom, inklużi daww iġġenerati bl-IA, permezz tal-kondiviżjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' kontenut bħal deepfakes jew abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġnijiet? Dan kif jista' jinkiseb inklużi permezz tal-prevenzjoni mill-kumpaniji tat-teknoloġija? Se tqis bħala prijorità t-tfassil ta' linji gwida għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol tal-kunsens fir-relazzjonijiet sesswali fl-Istati Membri kollha kif ukoll dwar l-edukazzjoni dwar is-sesswalità? Tippjana li tressaq inizzjattivi jew proposti leġiżlattiva dwar il-kriminalizzazzjoni

tal-istupru b'definizzjoni bbażata fuq il-kunsens? Se taħdem fuq xi proposta ddedikata ġdida li tindirizza l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-preżentazzjoni ta' proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill biex testendi l-lista attwali tal-hekk imsejħa "reati kriminali tal-UE" u tidentifika l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE, kif mitlub mill-Parlament?

Għajxien mingħajr il-vjolenza u l-istereotipi huwa wieħed mill-pilastru ewlenin tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025. Kburija li l-UE adottat id-Direttiva rivoluzzjonarja dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika f'Mejju ta' din is-sena. Issa jeħtieġ li niżguraw li l-liġi l-ġdida ssir realtà fil-prattika sad-data tat-traspożizzjoni f'Ġunju 2027. Se nappoġġa lill-Istati Membri bl-implimentazzjoni f'waqtha u korretta tad-Direttiva. Fl-istess ħin, id-Direttiva tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Unjoni Ewropea skont il-Konvenzjoni ta' Istanbul fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Istati Membri, inklużi dawk li ma rratifikawx il-Konvenzjoni.

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni ta' Istanbul trid tiġi implimentata wkoll fir-rigward tal-amministrazzjoni pubblika tal-UE. Kull istituzzjoni, aġenzija, delegazzjoni u korp se jkollhom fis-seħħ sett ta' miżuri, inklużi politiki u oqfsa solidi kontra l-fastidju. F'kooperazzjoni mal-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika, se nsaħħaħ il-koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, inkluż il-Parlament Ewropew, biex niżgura li l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħna jissodisfaw ir-rekwiżiti u għal skambju ta' Prattiki tajba.

Diġà fl-2015, stħarriġ mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali sab li mara minn kull 10 fl-UE rrapportat li esperjenzat fastidju ċibernetiku fil-forma ta' emails jew messaġġi testwali sesswalment espliċiti mhux mixtieqa jew avvanzi mhux xierqa fuq il-media soċjali. Minn dak iż-żmien 'l hawn, dan il-periklu kompli jikber u jiżdied. Il-fastidju online għandu impatt partikolari fuq in-nisa attivi fil-ħajja pubblika, li jista' jkollu l-effett li jsikket lin-nisa, ifixkel il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà u jimmina l-prinċipju tad-demokrazija.

Immaġnijiet degradanti online u ġġenerati mill-IA huma manifestazzjoni reċenti tal-problema aktar strutturali tal-vjolenza kontra n-nisa. Diġà għandna għodod għad-dispożizzjoni tagħna li jeħtieġ li nisfruttaw bis-sħiħ. Id-Direttiva dwar il-vjolenza kontra n-nisa tikkriminalizza l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat, tiżgura li l-vittmi jirċievu l-appoġġ meħtieġ u tiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA, Digital Service Act) fih ukoll regoli b'saħħithom biex tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru online, b'mod partikolari billi jiġu inklużi mekkaniżmi ċari ta' sinjalar u l-ħatra ta' sinjalaturi fdati b'għarfien espert dwar dawn il-kwistjonijiet. Id-DSA jirrikjedi li l-fornituri ta' il-pjattaformi online kbar ħafna u l-magni tat-tiftix kbar ħafna jwettqu valutazzjoni tar-riskju u, jekk jidentifikaw riskji relatati mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, jimmitigaw tali riskji b'mod effettiv. Il-Kummissjoni diġà ħadet azzjonijiet investigattivi fil-konfront ta' diversi entitajiet indikati dwar ir-riskji li jirriżultaw mill-IA ġenerattiva u taħdem mill-qrib ħafna mal-esperti fiċ-Ċentru Ewropew tat-Trasparenza Algoritmika biex tindirizza l-kwistjoni tal-kontenut iġġenerat mill-IA bħal deepfakes jew abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġni.

L-Att dwar l-IA jintroduċi regoli għall-IA ġenerattiva, jiġifieri biex jiġu mmarkati "deep fakes" u biex jiġu inkorporati soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu d-detezzjoni tal-output iġġenerat mill-IA. Dan se jippermetti b'mod effettiv lill-fornituri tas-servizzi online jidentifikaw tali kontenut u jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa, pereżempju billi jneħħu kwalunkwe kontenut li b'mod falz juri lin-nisa għarwenin. Lil hinn minn dan, l-Att dwar l-IA jipprojbixxi l-IA li tuża tali kontenut qarrieqi biex timmanipula l-persuni u tikkawża ħsara. Il-ksur ta' dawn ir-regoli jista' jirriżulta fl-impożizzjoni ta' multi sinifikanti. Il-Kummissjoni qed taħdem fuq gwida Prattika biex tiżgura l-applikazzjoni rapida u koerenti tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA dwar dawn il-projbizzjonijiet li jsiru applikabbli minn Frar 2025.

Kif imħabbar fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, jekk niġi kkonfermata, se ngħin biex jiġi stabbilit qafas volontarju biex jitlaqqgħu flimkien pjattaformi online u partijiet ikkonċernati oħra sabiex in-nisa jkunu protetti aħjar online. Beħsiebni nniedi ħidma mal-pjattaformi tal-media soċjali dwar il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet. Dawn il-miżuri meħuda flimkien se jiżguraw li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru tiġi indirizzata b'mod effettiv fl-UE kollha, li l-vittmi jkollhom fiduċja li l-liġi tipproteġihom b'mod effettiv, u li l-vjolenza ċibernetika illegali tiġi kkastigata.

Jekk niġi kkonfermata, se nagħti appoġġ sħiħ lill-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija fil-ħidma biex jintbagħat messaġġ qawwi dwar l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-liġijiet u biex jiġi żgurat li l-gwida skont l-Att dwar l-IA tqis il-ħsarat potenzjali kkawżati mill-immaġnijiet ġġenerati mill-IA użati biex jiddegradaw in-nisa u jħammġu r-reputazzjoni tagħhom u biex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-bullying ċibernetiku, id-diskors ta' mibegħda illegali u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

F'dawn l-aħħar snin rajna wkoll żieda qawwija ta' bullying ċibernetiku. Jekk niġi kkonfermata, se nappoġġa l-ħidma tal-Kummissarju għall-Ekwità Interġenerazzjonali, iż-Żgħażaġħ, il-Kultura u l-Isport biex inlaqqa' flimkien din il-ħidma u l-fergħat ta' ħidma dwar l-ugwaljanza.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-Eurocrime ġdida dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, nirreferi lill-Onorevoli Membri għat-tweġibiet tal-mistoqsija 10.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

15. Bħala Kummissarju nnominat għall-Ugwaljanza, kif se tintegra t-tħassib dwar l-ugwaljanza fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha u tiżgura approċċ koeżiv u inklużiv, pereżempju bejn id-diversi strateġiji tal-ugwaljanza fil-qasam ta' responsabbiltà tiegħek u l-Istrateġija kontra l-Faqar il-ġdida, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli l-ġdid? Fir-rigward tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri l-ġdida, x'azzjonijiet tipprevedi biex tingħalaq id-differenza fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri? X'miżuri leġiżlattivi tipprevedi sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa fuq il-post tax-xogħol, u b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-ħafna żvantaġġi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa permezz tal-“penali tal-maternità” kif imsemmi mill-EIGE? L-istrateġija kif se tindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw b'mod partikolari fir-rigward tal-ġhoti tal-kura bikrija tat-tfal, biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn tan-nisa fis-suq tax-xogħol?

Timpenja ruħek li taġġorna l-Istrateġija attwali dwar id-Drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà b'inizjattivi emblematiċi ġodda għall-2025–230? Liema huma l-oqsma ta' prijorità li se tiffoka fuqhom għas-snin li ġejjin? Kif se tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni bħall-Kard tal-UE tad-Diżabbiltà u l-Kard tal-UE tal-Parkeġġ sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà? F'konformità mal-obbligi tal-UE u tal-Istati Membri skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, x'azzjonijiet oħra tal-UE tipprevedi biex ittejjeb is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tal-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari biex tindirizza l-ostakli għal-libertà ta' moviment tagħhom u għall-kapaċità tagħhom li jirrisjedu u jaħdmu fi Stati Membri differenti tal-UE?

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju għall-Ugwaljanza, se niżgura li l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jiġu kkunsidrati fil-politiki kollha permezz tal-ħidma tat-Taskforce dwar l-Ugwaljanza u kuntatti mill-qrib mal-kollegi tiegħi. Se naħdem għal data aħjar dwar l-ugwaljanza, biex insaħħaħ il-bażi tal-evidenza biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ugwaljanza u t-tħassib ta' gruppi differenti. Se nipromwovi t-trasparenza fil-kontabbiltà tal-progress lejn Unjoni ta' Ugwaljanza b'mod ġenerali. Se nsaħħaħ id-djalogu mal-atturi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li ninvolvi ruħi man-nies affettwati. Fl-istrateġiji rilevanti kollha, se naħdem biex nidentifika, ninkludi u nipproponi miżuri għal persuni li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni, pereżempju komunitajiet emarġinati bħar-Rom, persuni b'diżabbiltà, persuni akbar fl-età, u ommijiet waħedhom. Huwa permezz tal-ħidma lkoll flimkien li se mmexxu 'l quddiem l-Unjoni ta' Ugwaljanza.

Se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza li se jippreżenta Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kif ukoll Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar, u mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni, li se jressaq l-ewwel Pjan Ewropew għall-Akkomodazzjoni Affordabbli li qatt sar.

Filwaqt li l-azzjonijiet skont l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri li jmiss se jiddependu fuq l-eżitu tal-istudji li għaddejjin u fuq proċess wiesa' ta' konsultazzjoni pubblika, diġà huwa ċar li se neħtieġu aktar azzjonijiet biex nindirizzaw id-differenzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol. Elaborajt dwar il-pożizzjoni tiegħi rigward id-differenza fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri fit-tweġiba għall-mistoqsija 13.

Il-“penali tal-maternità f'termini ta' paga”, hija sempliċiment inġusta. Hija bbażata fuq il-preġudizzju u d-diskriminazzjoni li l-ommijiet għandhom it-tendenza li jiffaċċjaw minn min iħaddimhom. Għalhekk, sabiex din tiġi miġġielda se nkompli nindirizza l-istereotipi dannużi marbuta mal-ġeneru u naħdem mal-korpi tal-ugwaljanza u l-ispettorati tax-xogħol biex nindirizza d-diskriminazzjoni kontra l-ommijiet fuq il-post tax-xogħol – iżda wkoll kontra l-missirijiet li jixtiequ jieħdu liv tal-familja. Għandna fis-seħħ qafas legali b'saħħtu, u se nħares aktar mill-qrib lejn l-implimentazzjoni effettiva fl-Istati Membri kollha. Biex tiġi indirizzata d-diviżjoni inugwali tax-xogħol mhux imħallas u l-kwistjoni tal-kura, se niżgura li l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ u b'mod effettiv id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u jseguw r-Rakkomandazzjoni dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Se naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza biex inħeġġeġ lill-Istati Membri jtejjbu d-disponibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tal-kura (anke għall-kura fit-tul), inkluż permezz ta' finanzjament mill-UE.

Kif spjegajt fit-tweġiba għall-mistoqsija 13, beħsiebni nibni fuq, u niżviluppa aktar, l-inizjattivi mressqa mill-Kulleġġ attwali, biex innaqqas id-diskrepanzi li fadal u nikkontribwixxi għal Ewropa mingħajr ostakli għall-persuni b'diżabilità. Din tinkludi ħidma dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Il-prijoritajiet ewlenin se jkomplu jkunu l-impjiegi, l-għajxien indipendenti, l-aċċessibilità, u l-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet relatati mad-diżabilità fl-oqsma kollha ta' politika.

Beħsiebni nieħu azzjoni deċiżiva biex nappoġġa l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttivi l-ġodda dwar il-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ. Se nikkollabora mal-Istati Membri biex nappoġġa l-isforzi tagħhom matul il-proċess ta' traspożizzjoni fis-sentejn u nofs li ġejjin. Se niżgura wkoll li nħejji l-atti delegati u ta' implimentazzjoni biex inlesti l-qafas legali u nippermetti l-introduzzjoni tal-kards fil-livell nazzjonali, u b' mod partikolari att delegat li jstabbilixxi karatteristiċi diġitali għall-kards fiżiċi, li għandu jiġi adottat fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

Mistoqsija mis-Sottokomitat għas-Saħħa Pubblika

16. Wieheċ mill-kompiti tiegħek huwa li tiżviluppa strateġija ġdida biex tappoġġa kontromiżuri mediċi kontra t-theddid għas-saħħa pubblika. F'dan il-kuntest, in-nuqqas ta' awtonomija strateġika Ewropea u d-dipendenza żejda attwali fuq l-importazzjonijiet ta' Ingredjenti Farmaċewtiċi Attivi (APIs) għandhom rwol kruċjali. Huwa essenzjali li jiġi stabbilit mekkaniżmu robust li jappoġġa l-produzzjoni tal-APIs u mediċini lesti aċċessibbli u bi prezz li jintlaħaq għall-pazjenti fl-Ewropa. Dan mhux biss ikun essenzjali jekk nergħu nesperjenzaw pandemija, iżda jkun ta' importanza kritika għall-qasam tal-iżvilupp tal-prevenzjoni u t-trattament tal-mard fl-Ewropa b' mod ġenerali, kemm dak komuni kif ukoll dak rari. Tista' tiddeskrivi l-istrateġija tiegħek għat-tiżiħ tal-preparatezza għall-isfidi fil-qasam tas-saħħa f'dan l-isfond, filwaqt li tqis ukoll is-solidarjetà globali? Fit-tweġiba tiegħek, jekk jogħġbok indirizza b' mod partikolari l-infrastruttura ta' kooperazzjoni fl-Unjoni u barra minnha, kif jista' jinkiseb mekkaniżmu robust għall-produzzjoni, l-iżvilupp u d-disponibilità ta' mediċini u ingredjenti kritiċi, kif tinnaqqas id-dipendenza tal-UE minn fornituri barranin u jiġi żgurat il-finanzjament tal-politika tas-saħħa pubblika inkluż permezz tal-programm tas-saħħa tal-UE?

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nenfassizza ħafna fuq il-kooperazzjoni internazzjonali flimkien mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali u l-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Animali peress li l-kriżijiet tas-saħħa globali jeħtieġu kooperazzjoni u solidarjetà globali.

Il-Kummissjoni diġà taħdem b'din il-mentalità u tikkoopera mill-qrib ma' sħab internazzjonali u pajjiżi terzi. Dawn is-sħubijiet ġew ittestjati dan is-sajf meta l-kontinent Afrikan ra t-tifqigħa ta' varjant aktar sever ta' Mpx, li nfirx f'diversi pajjiżi u kkawża mwiet fost l-aktar gruppi vulnerabbli. Filwaqt li nibnu fuq il-kooperazzjoni li ġiet żviluppata matul dawn l-aħħar snin, aħna konna l-ewwel li wassalna vaċċini fuq il-post fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, fi żmien ġimagħtejn wara li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddkjarat emerġenza tas-saħħa pubblika ta' rilevanza internazzjonali u li ppermettejna li l-kampanji ta' tilqim jibdew immedjament wara. Dan ma kienx ikun possibbli mingħajr ir-relazzjonijiet ta' fiduċja li ġew stabbiliti mill-pandemija tal-COVID-19 u l-qafas imsaħħaħ dwar it-theddid transfronter għas-saħħa, inkluż l-istabbiliment tal-HERA. Fl-eżerċizzju, il-Kummissjoni qieset u appoġġat ukoll il-kondiviżjoni tal-vaċċini mogħtija mill-Istati Membri. Bis-saħħa tal-approċċ ta' Tim Ewropa, illum aħna sieħeb ewleni fir-rispons għat-tifqigħa.

Jekk niġi kkonfermata, se nappoġġa lill-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Animali fil-ħidma tiegħu rigward il-Ftehim ipplanat dwar il-Pandemiji, li għandu jtejjeb il-prevenzjoni, il-preparatezza, u r-rispons għal pandemiji futuri fil-livell globali, kif ukoll mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali, biex jissaħħaħ il-Global Gateway. L-investimenti m'għandhomx jiffukaw biss fuq l-Unjoni Ewropea, iżda għandhom jgħinu wkoll lis-sħab globali tagħna jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' manifattura reżiljenti tagħhom stess. L-inizjattivi eżistenti, bħall-inizjattiva ewlenija ta' Tim Ewropa dwar il-manifattura u l-aċċess għall-vaċċini, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa fl-Afrika se jtkomplew u se jservu bħala mudell utli għat-tiżiħ tal-kapaċitajiet f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju.

Fl-istess ħin, sabiex jiġi appoġġat l-akkwist u d-donazzjonijiet, huwa meħtieġ li jkunu disponibbli kontromiżuri mediċi. Kif muri mill-pandemija tal-COVID-19, nuqqas ta' kapaċitajiet tal-manifattura u provvista ta' riżerva, ktajjen tal-valur globali kumplessi għall-produzzjoni u għad-distribuzzjoni tal-farmaċewtiċi, u n-nuqqas ta' diversifikazzjoni ta' sorsi, u d-dipendenza fuq pajjiżi terzi, malajr jirriżultaw f'nuqqas ta' kontromiżuri mediċi essenzjali. Għalhekk inqis li l-Unjoni Ewropea għandha tkompli tinvesti biex tkun aktar awtonoma fir-rigward tal-manifattura ta' kontromiżuri mediċi kritiċi. Jekk niġi kkonfermata, se nappoġġa l-ħidma tal-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Animali rigward Att dwar il-Mediċini Kritiċi, bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-

ktajjen tal-provvista tagħna u li titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE għal mediċini kritiċi u l-ingredjenti tagħhom.

L-istrateġija dwar il-Kontromiżuri Mediċi l-ġdida li l-President elett inkarigatni biex inwettagħ hija prevista li tkopri t-terapiji, il-vaċċini, id-dijanjożtika, l-apparat mediku, u t-tagħmir protettiv. Din tippromovi approċċ “minn tarf sa tarf” mill-valutazzjoni tat-theddid għall-appoġġ tar-riċerka u l-iżvilupp ta’ prototipi u prodotti ġodda, iż-żieda fil-produzzjoni fi żminijiet ta’ kriżi, u l-mekkaniżmu ta’ kumulazzjoni ta’ riżerva ta’ tali prodotti kritiċi. Bħala parti mill-ħidma għat-tnejnija kontra theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN) u abbażi ta’ strateġija usa’ ta’ kumulazzjoni ta’ riżerva, din tisfrutta għodod bħall-akkwist konġunt, u l-kumulazzjoni ta’ riżerva.

Strateġija bħal din tista’ twassal għal impatti fil-prattika biss jekk issegwi approċċ ikkoordinat u sett ta’ għodod imsaħħaħ tal-UE ta’ strumenti ta’ politika rilevanti. Se norbot fuq l-appoġġ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tagħha.